# IL-PULIZIJA

Jannar/Frar 1984 5/1

***Kopertina:*** Membri nisa tal-kavallerija

Organu ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija.
Stampat fil-Union Press
Editur: E. Attard
Bord Editorjali: Supt. G. Grech Insp. N. Schembri P.S. 429 R. Cilia Insp. A. Seychell P.C. 1302 A. Spiteri W.P.C. 50 M Bondin

***F'DIN IL-ĦARĠA:***

Public meetings and English Law ......................... 2
The Citizen, Traffic accidents and the Law ............ 3
Mill-Association .................... 4
Mutual Help Association ......... 4
Preżentazzjoni ta' emblemi lis-Sur G. Agius ..................... 5
Marine Fraudsters waive the rules ...................... 6
Donazzjoni lid-Dar tal-Providenza ...................... 7
Id-delizzju tiegħek ................. 8
L-ewwel attakk fuq San Iermu .. 9
Intervista ma' pensjonant ....... 10
L-aħħar tislima lill-Kuntistabbli Paul Zammit ...... 12
Mill-Imgħoddi ..................... 14
Crossword .......................... 15
L-attivitajiet tal-Milied .......... 16
Interpol ............................ 19
L-Ittri Tagħkom ................. 20
Mill-Għaqda Pensjonanti tal-Pulizija ......................... 21
Għat-Tfal Tagħna ................ 22
Sports ............................. 23

# Editorjal:

## JUM IL-PULIZIJA

Dan huwa l-ewwel editorjal ta' din is-sena, is-sena li fiha l-Korp se jfakkar għeluq il-mija u sebgħin sena mit-twaqqif tiegħu.

Is-suġġett tagħna huwa Jum il-Pulizija li f'xi ħarġiet imgħoddija ta' dan il-magazin kien ġie ssuġġeriet it-twaqqif ta' dan il-jum, iżda li qatt ma ġie ttrattat bis-serjetà.

Kif intqal, din is-sena jaħbat għeluq il-mija u sebgħin sena mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija f'Malta u hu mifhum li ser isir xi ħaġa biex dan il-170 anniversarju jiġi ċċelebrat. Tkun għalhekk idea sabiħa li dan il-jum jiġi wkoll ċċelebrat, għall-ewwel darba, din is-sena. Jum bħal dan huwa ċċelebrat minn diversi korpi ta' Pulizija barranin u ma narawx raġuni għaliex hawn Malta ma għandux isir l-istess.

F'ġurnata bħal din, minbarra xi attivitajiet soċjali għall-membri tal-Korp wieħed jistenna wkoll xi attività fejn il-pubbliku jkollu l-opportunità jara aktar mill-qrib il-ħidma tal-Pulizija u x'servizz joffri l-Korp għall-kommunità. Dan jista' jsir b'wirjiet jew attivitajiet simili fuq id-diversi taqsimiet tal-Korp biex anke titneħħa l-impressjoni ta' xi wħud li l-Pulizija qegħda biss biex tħarrek lin-nies. Hemm ħafna xogħol ieħor li tagħmel il-Pulizija u tajjeb li kieku darba f'sena wieħed ifakkar lill-pubbliku f'dawn is-servizzi li jagħti l-Korp lill-pubbliku.

# Public Meetings and English Courts
# A Historical Note

PART 3 by Vincent A. De Gaetano LL.D., Dip. CRIM. (CANTAB.)

No such criticism can be levelled at *De Morgan v. Metropolitan Board of Works* (34) which is conclusive authority for the proposition that there is no right to hold public meetings on Clapham Common; for appellant's argument clearly stated that the public had acquired a right to *hold meetings* on the common prior to the passing of 40 & 41 Vict. c. cci (The Metropolitan Commons Supplemental Act of 1877), under which a by-law was made prohibiting "the delivery of any public speech, lecture, sermon or address of any kind or description whatever, except with the written permission of the board first obtained, and upon such portions of the common and at such times as may be such written permission be directed and sanctioned by the board" (35); while the court disclaimed the right "as claimed by the appellant on behalf of the public" (36), i.e., the right to hold public meetings and not just to deliver public speeches, etc., (37). Yet again one may argue that it is not entirely correct to state, as the precis at the head of the report in 5Q.B.D. states, that *the court* held that "No right on the part of the general public to hold meetings *on a common* is known to the law" (my emphasis). This, indeed, may have been a correct statement of the law as it stood in 1880 (38), but the operative part of the judgement seems to deal only with Clapham Common and not with all or any common, whether or not approporiated to public use under the Metropolitan Commons Act, 1866:

*The magistrate reports to us that some evidence was given of public meetings being held without remonstrance on the part of the commoners, or of the lords of the manor, though scarcely going back so long as twenty years; but finds that such user did not constitute a right or prove anything more than an excuse or licensed trespass. In this opinion we entirely concur. The common was the soil of the land of the manor, and the only rights over it were rights of pasture and other commonable rights of the commoners, and perhaps private rights of way. These are the rights which, not having been purchased by the board, are preserved. No such right as that claimed by the appellant (i.e. to hold meetings on* **Clapham Common** *(39) on behalf of the public is known to the law* (40)

*Homer v. Cadman* (41) arose out of a prosecution under S.72 of the Highways Act, 1835 (42). The appellant marched at the head of a band and took up a position near a lamp-post in the Bull Ring at Sedgley. The whole of this Bull Ring was a public highway; it was in the form of an irregular triangle; and was also the spot at which six other highways converged. Appellant Homer than stood on a chair and addressed the crowd and the band – about 150 to 200 people in all – for the space of an hour. "During that period no person could, without considerable inconvenience and danger, have either walked or driven across that part of the highway where the defendant and his band and crowd were stationed, and the said highway was thereby during such period rendered less commodious to the public. There was, however, space outside the said crowd and between it and the footpaths for vehicles or foot-passengers to pass and re-pass" (43) Homer was therefore charged with having wilfully obstructed a public highway. In the magistrate's court Homer pleaded (a) that, since there was passage for foot passengers, horses and vehicles round the space occupied by the crowd, there was no obstruction within the meaning of S.72 and (b) secondly, that he had a right to hold a meeting on that highway so long as there was sufficient space for passage around the crowd. The magistrate refused to entertain either argument and, with regard to the second, maintained that "the defendant had no legal right to appropriate to himself in such a manner and for such purpose aforesaid such part of the highway" (44). Homer's "right" to hold the meeting on the highway was not argued on appeal, where counsel for the appellant merely pleaded that the obstruction, if any, was occasioned by the crowd of persons who had gathered round the appellant and for this the appellant should not be responsible, and that therefore the appellant did not "wilfully" obstruct the highway; this argument was again rejected, Smith. J. saying:

*The appellant was only entitled to use the highway in an authorised manner, that is, to pass over it to and fro. He certainly had used it in an unauthorised manner, and the magistrate has found that, as no person could have gone across that part of the highway where the appellant and his band were without considerable inconvenience and danger, there was no obstruction to the highway. The fact that only a part of the highway was so obstructed seems to me to make no difference. That the whole highway was no obstructed does not make what the appellant did any the less an obstruction within the meaning of the section.* (45).

In such muted and unobstructive language could the right of public meeting in a public thoroughfare be denied by Her Majesty's judges!

(References)

(34) (1880) 5 Q.B.D. 155.
(35) *ibid.*, at 157.
(36) *ibid.*
(37) The court also held that the by-law did not go against the new "dedication" of the common, i.e., dedicated "to and for the use and recreation of the public as an open and uninclosed space for ever" as stipulated in 40 & 41 Vict.c.cci.
(38) and, no doubt, as generally understood to be today. See, Brownlie I., *op.cit.*, pp. 136, 138.
(39) my addition.
(40) 5 Q.B.D. at 157.
(41) 16 Cox C.C. 51.
(42) to-day partly repealed.
(43) 16 Cox C.C. at 52.
(44) *ibid.*
(45) 16 Cox C.C. at 54.

**END OF ARTICLE**


Lm3,500
fil-
Lotterija tal-Ġimgħa
L-Ewwel Premju Lm2,000
Żewġ Premjijiet ta' Lm500
Ħames Premjijiet ta' Lm100
Imtella' kull nhar ta' Ġimgħa fis-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar.
Biljetti jistgħu jinbiegħu mill-kiosks u l-
uffiċini kollha tal-Lottu u
mingħand il-bejjiegħa awtorizzati


euro ÆTERNUM
18/10 STAINLESS STEEL MULTI-PURPOSE WATERLESS KITCHENWARE
⊙ Retain vitamins & minerals salt
⊙ Improves Health
⊙ Conserves food flavour
⊙ Reduce fried fats
NEW SPECIAL PRICES
Individual pieces available
Sole agents and distributors: L. Balbi Ltd. Valletta & Sliema


Ikber
mal-Bank of Valletta
Aktar ma tikber, aktar jikbru l-bżonnijiet finanzjarji tiegħek. Aħseb għal dawk il-bżonnijiet billi tiftaħ savings account mal-Bank of Valletta. Staff dħuli u servizz effiċjenti.
Bank of Valletta Limited, Malta

# The Citizen, Traffic Accidents, and the Law

**By Dr. Joseph Galea Debono, B.A., LL.D.**

□ ***This is the third in a series of articles in which we are serialising parts of a lecture delivered at the University of Malta to the general public by Dr. J. Galea Debono.***

***At the time of going to print, the proposed amendments for merging Criminal and Civil Proceedings arising out of traffic accidents have not yet become Law. These amendments will be referred to in the fourth and concluding article in this series.***

□ CIVIL REDRESS is obviously more important from a practical point of view as it strives to reinstate the injured party in his position prior to the accident through financial compensation.

There are various ways of reaching one's goal procedurally. If one is very lucky, he can have his claim settled out of court directly with the party responsible for the damage or his Insurance, with or without the assistance of counsel. If this is not possible, and it seldom is, the parties involved or their respective insurances might agree to have the issue settled by an arbitrar who is usually either a lawyer or an insurance surveyor This procedure might be somewhat quicker and certainly cheaper than legal proceedings but it has the considerable disadvantage that no appeal lies from the arbitrator's award. Most cases, at least the more serious and contested ones, end before the Judge of the First Hall of the Civil Court, who, more often than not, appoints a lawyer as legal referee to hear the evidence and file a report on his findings. If one of the parties, or both, disagree with the referee's report, they are entitled to ask the Court to appoint three additional referees who will review the first report.

If the parties disagree with eventual judgement, there is always the Court of Appeal, composed of three judges, to review the case. It is not surprising, in the circumstances, that you might now and then read law reports in the press on damages awards for accidents that happened years and years before. That, very often, is not the end of the story. One has still to enforce the judgement against the losing defendant. This can often prove to be a different and frustrating exercise, unless he happens to be backed by a sound insurance firm ready to honour its policy commitments without further wrangling and delaying tactics.

Under our law compulsory insurance covers only damages arising from death or bodily harm to third parties. Any coverage above that such as – (1) Comprehensive Insurance and (2) Full Third Party Insurance – is optional, though highly recommended in a place where driving habits are notorious. In cases of damages arising from death or bodily harm, a court judgement against a defendant can be enforced directly against his insurance, provided that the insurance firm is notified of proceedings instituted against their insured by means of a Judicial letter within seven days from the filing of the summons in court.

But assuming that an injured party is successful in pursuing his claim and that he obtains a favourable judgement against defendant, and ever hopeful that said defendant can afford to pay for his misdeeds or that he is adequately backed by insurance, what is he like to get in pounds, cents and mils at the end of it all?

The Court can only give financial or pecuniary redress and this takes the form of compensation for:

1. Actual loss 'Damnum emergens'.
2. Future loss of earnings 'Lucrum cessans'.

Our law makes no provision for compensation for moral damages, like other legal systems, where large sums have often been awarded for pain, shock, psychological suffering and the like. In this respect our law is somewhat retrograde, though the position is now much better than it was up to 1962, after the lifting of the £1,200 ceiling on damages awards not arising from malicious acts. Under our law, compensation is strictly related to pecuniary or financial loss.



Under actual loss would fall items like:

1. Repair bills and salvage and towing costs.
2. Hiring of another car whilst one's own is undergoing repairs.
3. Depreciation of a 'new' car following an accident.
4. Hospitalisation and medical fees and expenses.
5. Transportation to and from hospital for outpatient treatment.
6. Cost of travelling by the injured party or his close relatives in order to obtain treatment.
7. Cost of drugs or artificial limbs.
8. Wages paid to a nurse or domestic help during convalescence.
9. Any actual loss of wages, salaries or income resulting between the time of the accident and the time of the judgement or award.
10. And, of course, funeral expenses in fatal cases.

All such items would of course have to be substantiated by bills and receipts.

The computation of potential loss of future earnings is, as can be expected, more engaging an exercise because of the many imponderables involved.

To many it may seem impossible to meet out real justice and award adequate compensation without either overdoing or else awarding much less than that justly due. Indeed, the uncertainty about the length of one's life expectancy, working life, the

(Cont. on page 5)

# MILL-ASSOCIATION

## KUMITAT GĦAS-SENA 1984

President: Surġent Maġġur S. Galea.
Viċi-President: P.S. 429 R. Cilia.
Segretarju: P.S. 649 M. Saliba.
Assistent Segretarju: P.C. 774 F. Polidano
Teżorier: P.C. 1108 D. Cassar

Kif jitlob l-Istatut ta' l-Assoċjazzjoni, ġie ffurmat kumitat ġdid għal sena oħra bl-uffiċċjali aktar qabel imsemmija. F'dan il-kumitat hemm diversi membri li daħlu għal dan ix-xogħol għall-ewwel darba. Dawn, flimkien ma' membri oħrajn li servew kemm-il darba f'dan il-kumitat, urew li bi ħsiebhom jagħmlu l-aħjar rappreżentanza f'isem sħabhom il-membri tal-Korp.

Kif kien intqal fl-aħħar ħarġa ta' dan il-magazine, il-Kumitat tas-sena l-oħra kien impenjat fuq diversi rappreżentazzjonijiet li wħud minnhom taw riżultati pożittivi. Uħud minn dawn ir-rappreżentazzjonijiet ser ikompli x-xogħol dwarhom il-kumitat il-ġdid u wieħed jittama li jinkisbu riżultati pożittivi.

Wieħed tajjeb ifakkar li meta jsiru t-talbiet lill-Awtoritajiet jitqies mhux biss il-'welfare' tal-membri, iżda wkoll l-effiċjenza ta' l-istess membri bil-għan li l-Korp jaqdi dejjem aħjar lin-Nazzjon. Dan qed jingħad għaliex tajjeb wieħed ikun jaf li jekk tiżdied l-effiċjenza jkun aktar faċli li wieħed jakkwista riżultati tajbin għat-talbiet tiegħu.

Nieħdu wkoll l-okkażjoni biex nirringrazzjaw lil membri tal-Korp li kienu fil-kumitat ta' l-Assoċjazzjoni fl-1983 għas-sehem tagħhom matul is-sena.

# MUTUAL HELP

Il-kontribuzzjonijiet tal-M.H.A. ta' dan l-aħħar kienu għall-familjari ta' l-imsemmija ex-membri tal-Korp. Agħtihom O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem:


ex-PS 221 Paul Degabriele


ex-PC 683 Carmelo Pace


ex-PC 71 Carmel Portelli


ex-PC 673 Carmelo Żammit


ex-PC 69 V. Gili


ex-PS 212 Charles Sammut Smith

Cont. from page 3)

possibility of promotions, demotions, loss of jobs, salary increases, inflation trends and the lot make the exercise very much a leap in the dark.

In this vast area of doubt and speculation, our courts, following the 1962 lifting of the ceiling on damages awards, have in a number of judgements adopted precedents laid down by English Courts.

The repeated application of these precedents by judges, referees and arbitrators alike has now stabilised the situation providing a workable, though not of course a perfect formula for the computation of potential loss of earnings. The basic element in this formula is the determination of the Multiplier or Working Life Purchase, i.e. the number of years for which future compensation will be awarded. Case law, taking all the imponderables above mentioned into account, has come out with a maximum multiplier of 20 years. This would apply in the case of victims in their teens, twenties and early thirties. The multiplier would then decrease the more advanced in years the victim happens to be. A man in his forties will be awarded anything between 15 to 10 years purchase. A man above fifty will seldom be awarded more than ten years purchase, and, very often, less.

Having established the multiplier, one next determines the annual or weekly earnings potential over the number of years covered by the multiplier, taking into account likely increases in income and working out an average weekly or annual income. Multiplying this annual earning potential by the multiplier one obtains the gross potential earnings of the injured party.

Next, one relates this to the actual degree of disability suffered which can range from 100% in case of death to say 50% for the loss of an eye or 20% for a bad limp, depending on the gravity of the injury and permanent disability as certified by doctors.

A look at the example below might clarify matters: Youth of 25 years with a 20 years multiplier.

Present wage: Lm20. Wage in twenty years time: Lm40. Average weekly wage: Lm20 + Lm40 = Lm60 ÷ 2 = Lm30 × 50 (weeks) × 20 years = Lm30,000.

| | |
|---|---|
| But with only 50% disability – Potential loss | Lm15,000 |
| Lump sum deduction of 20% | Lm 3,000 |
| | Lm12,000 |

This latter deduction is to make good for the interests that are likely to accrue on the amount paid out in a lump sum and received at one go by the claimant, whereas in normal circumstances he would have received this over a long span of time.

Where the victim is dead and a claim is made by his heirs, considerable deductions are often made to take into account the amount the deceased would have had to spend on himself, and, in cases where the deceased is not survived by a wife or children, to take into account the fact that, if the deceased was of a young and marriageable age, he was likely to get married and raise his own family, thus reducing the probability that the claimants, in this case parents, brothers and sisters, might have continued to enjoy any benefit from the deceased wage earner for a very long time. It is not uncommon for a deduction of two thirds of the total lump sum to be made in the latter cases.

An interesting question arises in cases where a married woman perhaps advanced in years or in

(Cont. on page 14)

# Preżentazzjoni ta' Sett Emblemi tal-Pulizija lis-Sur George Agius

Bħala apprezzament tax-xogħol u għajnuna fil-pubblikazzjoni tal-magazine 'Il-Pulizija' mill-Union Press, ġie ippreżentat sett emblemi tal-Pulizija lis-Sur George Agius mis-Suprintendent M. Borg u l-editur tal-magazine P.C. E. Attard. Preżenti għal din il-preżentazzjoni kien hemm ukoll is-Sur J. Borg u s-Sur C.S. Consiglio.



# MARINE FRAUDSTERS WAIVE THE RULES

**PETER GANNON – Former Chief Constable, Port of London.**
**Past President – International Association of Airport and Seaport Police.**

## PART I

Marine fraud is a subject the marine world has been bombarded with during the past 10 years. Hardly a week passes without the press highlighting some large scale maritime swindle. Lectures, seminars, and film presentations are given world wide, illustrating the problems and dangers. During these presentations, committees are formed, Acts are quoted from the statutes of Fraud Act, 1977, to the Carriage of Goods at Sea Act of 1971, incorporating the Hague Rules. Representatives depart poorer in pocket, wiser regarding the problem, but with little hope of solution for effective control, and very little happen the next meeting.

In 1979, the Intergovernmental Consultative Organistation (I.M.C.O.) of the United Nations was alerted to the disasterous consequences of maritime fraud. On the 15th November 1979, this organisation passed the following resolution for action and comment by 23 member maritime nations.

"Recommends that governments subject to applicable national and international laws, contact and co-operate in appropriate legislative administration or other measures which could help to prevent and suppress acts involving or likely to involve barrity and the unlawful seizure of ships and their cargos, and safe guard the legitimate rights of all persons and authorities concerned.

Invites governments to notify the Secretary General of measures taken by them in this respect and requires the Secretary General to communicate such information to all member governments."

In June 1980 at the I.M.C.O. Council meeting in London, it was disclosed that replies had been received from three countries. It would appear that maritime fraud was not only possible but is tolerated.

To use a broad classification, these frauds are:

1. Documentary frauds.
2. Frauds connected with charters.
3. Cargo frauds.
4. Scuttling.

There are thousands of merchant ships plying trade all over the world. A very large proportion can be discounted from dishonesty. The first being the Eastern Block countries where fleets are in governmental ownership for exporting goods. Next one can take away fleets whose sole function is to move companies' produce. Of the large number remaining, further classification must be made into those in corporate ownership, and those in private hands. This can often attract fraudsmen. Often the fraud has no connection with the ship other than the Bill of Lading and the means of transport. This crime can be aimed against the vessels' operators, insurance, buyers of goods, or shippers.

Documentary frauds came to the fore in 1975. Fraudsters presented false Bills of Lading and Letters of Credit to banks and defrauded shippers, importers, and banks of millions of dollars. It was easy and simple in the well-known Somali Sugar Fraud, whereby with false documents, 600 tons of sugar were delivered, not 6,000 tons, and in the Angolan Ground Nut Fraud, vessels arrived in Angola not with nuts, but with useless ground nut husks.

Millions of dollars were lost, the villains got away with fortunes, and the ships lay rotting in the port. It is just as simple today and will continue unless the would be victiums have the foresight to realise they are under threat, excercise great care, and have the back-up legal support when they are in the danger area. It is difficult to foresee the latter as each country strives to prove the crime did not happen in their territory and passes the onus to another country. In recent cases, up to six countries have been involved in one transaction. This international involvement is very much on the side of the crook. The police endeavour to clear their own countries, pass the investigation over the border and inform Interpol.

Interpol is a superb international police organisation, but it must be borne in mind that they are mainly administrative and will also pass on the information to the countries concerned. Then one faces problems of international jurisdictions and extradition. With the world becoming smaller in the space and jet age, it is possible that in the very long distant future, there maybe an international police organisation as in "Star Wars" to effectively deal with international crime.

In New York in June 1980, Judge Charles Haight of the United States District Court, said of documentary frauds:

"The shipping industry is particularly vulnerable to documentary fraud because a single transaction can involve actions in several different countries. Where geographical distance is great, and the personal participation is minimal, reliance upon documents is commercially essential. The system is obviously vulnerable to fraudulent manipulation."

The tracking of these criminals is most difficult, but with co-operation from shipping and police forces world wide, there have been many successes.

But there are many which escape the net and find sanctuary in non-extradition countries such as South America. In the cases that receive national press publicity, one could ask who pays in this out-dated system of depositing large amounts of money in banks to be collected by crooks through

*(Cont. on page 7)*

# AIRMALTA

Fly Away Tours

## A BETTER TOUR FOR A LOWER PRICE!



ROME from Lm114



PARIS from Lm170



AMSTERDAM from Lm175



MUNICH from Lm155



LONDON from Lm125



CAIRO from Lm183

Your holiday is now not only more accessible, but for a better tour you pay less! And we give you an even wider choice: 6 destinations – London, Rome, Munich, Amsterdam, Cairo and the inclusion of Paris.

Tours include:

- Return air passage
- Hotel accommodation
- Continental breakfast
- Sightseeing tours
- Service charges and taxes
- City information including maps

(Prices quoted are per person in twin rooms)

And if you choose London, our tour also includes a shopping discount card, a Go as You Please ticket valid for a week, various vouchers including one for a theme evening, car hire free of daily charge and more.

So take a break.
Buy an AirMalta Flyaway Tour.

For reservations: Your travel agent or AirMalta offices in Valletta, Sliema or Luqa Airport.




Manufacturers & Suppliers of Mining Explosives and accessories
Propellant powders, sporting ammunition and Deep Rock
Drilling machines.

"PULVICH HOUSE"
101, ARCHBISHOP STREET, VALLETTA
TEL.: 25287, 607707



THE NEW HYUNDAI
pony
a new look all round
HD HYUNDAI
MOTOR COMPANY
Local agents for Hyundai cars
Meridian Enterprises Co. Ltd.
Showroom 207 Marina Street,
Pieta. Tel: 25362




***Aqra dwar id-delitti li saru f'Malta bejn l-1800 u l-1929 fil-ktieb:***

**F'ĠIEĦ IL-ĦAQQ**
*(L-Ewwel Ktieb)*

**F'ĠIEĦ IL-ĦAQQ**
*(It-Tieni Ktieb)*

Tagħrif miġbur mill-istudjuż ta' l-istorja CHEV. JOSEPH GALEA.

Il-Membri tal-Korp jistgħu jakkwistaw kopja mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Għall-pubbliku l-ktieb jinsab għall-bejgħ mingħand il-librara kollha.



**DREAMPAEDIC – saqqijiet magħmula espressament għal min ibati b'daru.**
**DREAMPAEDIC – is-saqqu li jiggarantilek raqda profonda u ta' mistrieħ.**
**DREAMPAEDIC – saqqu ieħor tad-ditta Dreamland.**

***DREAMLAND – għall-kwalità***

*(Cont. from page 6)*

false documents before the vessels arrive at the destination. The man in the street would say,

"Why cannot goods be paid fro on delivery?" or,

"Why cannot a Letter of Credit plus interest be paid when the goods arrive and are checked?"

He will be told that in the marine industry the present system is the only way, and therefore until the system is altered, the dangers of fraud will remain. The loosers are usually insurers, shipping companies, importers, exporters and even the State. Today's loss becomes tomorrow's surcharge, and in the final analysis it is the consumer who pays because he is last in the chain of those to whom the burden of increase can be passed.

Who are these criminals – they are clever men, very knowledgeable in shipping and banking procedures, with world wide contacts. They know the easy pickings are centred around 3rd World countries, who are lacking in experience and expertise in large scale international transactions. They have time on their side. It is often months before the vessels arrive at their destination and fraud appears. The weapon that is used to the full by these modern pirates is telex and other fast international communications which they fully exploit to make the illicite deals look genuine. If they make errors or come under suspicion, they travel to a country where the law cannot reach them, and often carry on fraudulent deals from these havens.

The Chinese Grain Fraud in 1980 was a classic. The brain behind this crime is now serving 20 years imprisonment in the United States. A man with everything, 25 years of age, tall, good looking, very presentable and fluent in four languages. He came from a sound ship owning scandinavian family, and was most knowledgeable in shipping and banking procedures. He with two other accomplices, one a clever Chinese from Hong Kong, recently arrested, the other an Australian being sought by the FBI, together plotted a clever scheme and Chinese State charterers fell victims to a very sophisticated fraud, involving three shipments of grain valued at $12 million. The men arranged this fraud through a 4th person who was the master mind. He set up the deals, gave orders, sent telexes and signed all documents. He had addresses in New York and Los Angeles and was entered as going through international airports and staying at 5 star hotels in many capitals. When the net closed and the Scandinavian was arrested, the 4th mystery man turned out to be a ficticious, he did not exist, and was invented to take the blame and the three crooks would plead innocent agents.

The case received world wide publicity and it is doubtful if this cover will be used again. But rest assured, other clever cunning schemes will surface. One thing we can be assured of is that people who organise maritime fraud will continue to do so, changing and adapting new methods. It hardly needs saying that those who are interested in preventing this type of crime will have to change and adapt with the same facility.

Charter parties where the owners control often relinquishes for a time when a ship is hired to someone else, have a great attraction for modern fraudsmen. The charter agreement may be voyage charter, for a voyage using the ship or part of it, for a cargo.

*(to be continued)*

**DONAZZJONI LID-DAR TAL-PROVIDENZA**

Nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Diċembru, 1983, is-Sinjura Marthese Pullicino ippreżentat cheque ta' Lm200 lil Mons Mikiel Azzopardi, Direttur tad-Dar tal-Providenza. Bħal snin oħra, din l-għotja saret mill-Fondi Privati tal-Korp għat-tfal inkapaċitati. Fir-ritratt jidher Mons Azzopardi jirċievi ċ-cheque mingħand is-Sinjura Pullicino. Għal din il-preżentazzjoni attendew ukoll is-Suprintendent M. Borg (xellug) u s-Sur John Micallef, Segretarju ta' Mons Azzopardi.



# ID-DELIZZJU TAL-KULTIVAZZJONI TAL-KAKTUS

**Hilary P. Agius B.Pharm.**



Qabel ma wieħed jibda jitkellem fuq dan id-delizzju, huwa tajjeb li wieħed jagħti definizzjoni tat-termini wżati f'dan l-artikolu. Hawn ħafna reġjuni fid-dinja fejn hemm in-nixfa eż: is-Saħħara, il-Messiku, Texas, l-Amerika t'Isfel u l-Afrika t'Isfel. Il-pjanti ta' dawn ir-reġjuni huma bioloġikament attrezzati sabiex jgħixu fin-nixfa. Ġeneralment wieħed jista' jinnota ċertu 'features' f'dawn il-pjanti li huma komuni għal pjanti tan-nixfa, viż: (1) Nuqqas ta' weraq (2) Zokk oħxon (3) Ġilda tleqq, qisha miksija bix-xema (4) Il-preżenza ta' suf jew xagħar fuq il-pjanta.

Il-pjanti li għandhom zkuk jew weraq ħoxnin, biex jaħżnu l-ilma, jissejħu **sukkulenti.** Minn dawn is-sukkulenti hemm familja ta' pjanti li kważi l-membri kollha tagħha jgħixu fin-nixfa. Din hija l-familja **Cactaceae** jew Kaktus. Dawn jintarfu botanikament mill-preżenza ta' **areoles** li minnhom jikbru x-xewk, u s-suf tal-pjanta. Mill-areole joħorġu l-fjuri jew il-friegħ.

## IL-KURA TAL-KAKTI

Il-Kakti li jgħixu fid-deżert (xi speċi, jgħixu fil-ġungla) jippreferu ħamrija ramlija, aċiduża u li ma żżommx ilma. Wieħed jista' juża gravel li tintuża fl-aquarja bi partiċelli ta' daqs 2 sa 4 mm. Ramel fin wisq mhux tajjeb. Huwa tajjeb li taħsel il-gravel sewwa minn qabel. Taħlita tajba għal Kakti hija ta' 1:1, gravel u ħamrija. Jekk wieħed irid jista' jissostitwixxi parti mill-ħamrija (daqs kwart) bil-peat.

Il-qasrija jrid ikollha xi biċċiet ta' ċaqquf jew ġebel fil-qiegħ biex jgħin biex l-ilma ma jakkumulax ġewwa l-qasrija u jikkawża l-moffa. It-tisqija għandha tkun biss meta l-qasrija nixfet għal kollox. Ħafna dilettanti jżommu l-pjanti tagħhom niexfin għal kollox bejn Novembru u Frar, b'xi bexxa ilma darba fix-xahar.

Il-ħamrija Maltija hija alkalina (= il-kontra ta' aċiduża) ħafna. Il-Kakti ma jikbrux tajjeb f'din il-ħamrija. Biex tikkumbatti l-alkalinità wieħed jista' jżid ftit qtar tal-ħall (aċidu aċetiku) ma' l-ilma tas-saqwi. L-awtur jirrikmanda li wieħed ipoġġi boċċa tan-Naftalina (tal-Kamla) fil-qiegħ tal-qasrija biex issalva l-pjanta minn mard tal-għeruq, jew insetti.

## XI SPEĊI INTERESSANTI

Bla dubju, l-aktar speċi ta' kaktus li aħna l-Maltin naraw hija dik tal-**Opuntia ficus indica** il-"Bajtar tax-xewk". Din il-Kaktus ġiet introdotta f'pajjiżna u l-ambjent naturali tagħha hu fil-kontinent Amerikan.

Speċi komuni fil-ġonna tagħna huma tal-grupp **Echinopsis,** li jieħdu l-forma globulari u għandhom fjuri bojod jew roża. Il-fjuri jiftħu bil-lejl u jdumu ftit siegħat biss miftuħin. Din il-pjanta jkollha ħafna frieħ li wieħed jista' jagħti lill-ħbieb.

Tipi tal-kakti popolari huma:

(1) **Opuntia** – jixbħu lill-bajtra tax-xewk, però x-xewk jew il-pala tkun ta' għamla differenti.

(2) **Mammillaria** – pjanti żgħar, b'xewk sabieħ. Jipproduċu ħafna fjuri u frott żgħir. Hawn min jispeċjalizza biss fil-**Mammillaria.**

(3) **Cereus** – Pjanti twal li jidhru sikwit fil-films "western". Jistgħu jilħqu tul ta' 3 metri f'xi każijiet.

(4) **Astrophytum, Gymnocalycium** – pjanti żgħar b'forma ferm sabieħa u bi fjuri kkuluriti ħafna.

(5) **Ferocactus** – sikwit b'xewk robust u forma ta' ganċ.

(6) **Zygocactus, Epiphyllum** – kakti li jgħixu fil-ġungla. Iridu ħamrija b'aktar peat fiha. Il-Christmas Cactus jew Easter Cactus huma popolari ħafna.

## KONT TAF....

1. Wieħed mill-akbar kollezzjonisti magħrufin huwa Malti. Dan hu l-Professur J. Borg li kien tabib u miet fil-1945. Kellu waħda mill-akbar kollezzjonijiet ta' dak iż-żmien. Il-kollezzjoni tiegħu issa tinsab fil-ġnien ta' Argotti fil-Furjana. Il-Professur Borg kiteb ktieb fuq il-Kaktus li għadu jintuża sal-lum mill-botaniċi u mid-dilettanti tal-kakti madwar id-dinja kollha.

2. Il-Kaktus **Lophophora williamsii** tikber fil-Messiku u hija wżata mill-indiġeni fiċ-ċerimonji reliġjużi. Il-pjanta tiġi mnixfa u f'dan l-istat hija magħrufa bħala "Mescal buttons" jew "pejote". Il-pjanta fiha sustanza attiva, "mescaline", li għandha effetti alluċinatorji simili għal dawk tal-L.S.D.

# L-EWWEL ATTAKK FUQ SANT'IERMU

minn Chev. Joseph Galea

Sa mill-ewwel jiem tal-isbark tat-Torok fuq ix-xtut ta' Malta waqt li Mustafa, il-mexxej tagħhom, u l-Ammiral Piali kienu qegħdin jiftehmu kif u fejn ser jibdew jattakkaw, donnu li Sant' Iermu dlonk kien waqa' taħt għajnejhom bħala l-aktar punt strateġiku.

Il-fortizza ta' Sant'Iermu kienet inbniet mill-Università (il-Gvern Malti ta' dari) qabel is-sena 1480 f'tarf dak il-ħanek xagħri u blat imsejjaħ Għolja ta' Xeber Ras. Il-Vicire ta' Sqallija fis-sena 1488 kien ħallas minn butu biex tkabbret il-fortizza, u wara żmien il-Gran Mastru d'Homedes fis-sena 1552 kien stieden lill-inġinier Pedro Pardo biex jerġa' jibni fortizza akbar u aktar moderna.

Billi t-Torok kienu daħħlu l-flotta tagħhom fil-port ta' Marsamxett kellhom donnu ta' bilfors li jattakkaw il-fortizza għax din qegħda sewwa sew fit-tarf, fuq il-bokka tal-port il-kbir fuq naħa waħda u l-port ta' Marsamxett fuq in-naħa l-oħra.

B'hekk nhar id-19 ta' Mejju 1565 kien beda l-imblokk ta' Sant'Iermu. Sadattant fit-30 ta' Mejju wasal hawn ukoll dak il-furban magħruf sewwa fl-ibħra tagħna, Sidi Dirghut, jew Dragut, kif insejħulu aħna, u kif ra x'kienu għamlu sħabu qabel il-wasla tiegħu, deher li ma tantx kien tal-fehma li kellhom jattakkaw fortizza dgħajfa, dik ta' Sant'Iermu, minflok ma jattakkaw fortizza aqwa. Iżda billi kienu laqħu bdew fuq Sant'Iermu ssoktaw fuqu għalkemm hu kellu f'moħħu li jattakka lill-Għawdex u l-Imdina.

U sa mill-ewwel attakki t-Torok ma tantx kienu ħarġu ta' rġiel. Ara kemm, li bdew jattakkaw għal għarrieda l-fortizza, iżda l-għassa ta' fuq il-pont fid-daħla ta' Sant'Iermu, wieħed kavallier Spanjol, kien żamm bis-sħiħ jitqabad ma' l-għadu sakemm laħqu sħabu l-kavallieri u l-Maltin biex jiġġildulhom. It-Torok kellhom iġarrbu l-ewwel telfa tagħhom, għax warajhom x'ħin ħarbu lura, kienu ħallew dwar elfejn ruħ mejta, jew midruba. Minn tagħna kienu mietu dwar mitt ruħ li minnhom kien hemm għoxrin kavallier.

Minnufih de Valete minn Sant'Anġlu bagħat rinforzi lejn Sant'Iermu. It-Torok minn naħa tagħhom basru li din il-fortizza kienet sejra tiswilhom qares, u għalhekk bdew iħaffru trunċieri u jimmuntaw batteriji kollha jħarsu lejn ix-xtut tan-naħa l-oħra u lejn Sant'Anġlu.

L-imblokk tal-fortizza baqa' sejjer bla heda u kuljum kien aktar jiħrax.

Għaddew erba' ġimgħat – ħsejjes ta' artillerija, dagħdieh tal-bumbardamenti tal-kanuni f'kull ħin – iżda fuq il-fortizza kienet għadha tperper il-bandiera tal-kavallieri, ħamra bis-salib abjad, simbolu ta' rieda tajba, ta' gwerrieri qalbenin. Fil-fortizza kien hemm 1,300 ruħ, bejn kavallieri u nies oħra ta' kull ġens, fosthom ukoll Maltin.

L-eqqel tal-attakki Torok fuq Sant'Iermu kien bejn il-jiem 12 u 16 ta' Ġunju, ġlied li kien sewa lill-għadu mijiet u mijiet ta' mejtin. Imbgħad l-għada, 17 ta' Ġunju Sant'Iermu ġie iżolat għal kollox maqtugħ minn kull naħa. U jumejn wara, il-kaptan Miranda, li ma kienx kavallier, minn ġewwa l-fortizza kien bagħat messaġġ lill-gran mastru fil-Birgu , fejn kien għarrfu li l-fortizza kienet għodda waslet biex taqta' f'idejn l-għadu.

Waqt wieħed mill-attakki fuq Sant'Iermu balla ta' kanun sparata minn fuq is-swar kienet laqtet lill-Dragut fuq in-naħa l-oħra tal-port ta' Marsamxett, fejn sallum għadna ngħidulu l-Ponta ta' Dragut, u safa' midrub għal mewt.

Wara dik it-taqbida u dak il-ġlied kollu, l-gwarniġjun talqalbiena f'Sant'Iermu kien tnaqqar ġmielu għal mitejn ruħ biss, u għadd minnhom kienu feruti gravament, tant li bosta minnhom kellhom jitqegħdu bilqegħda fuq il-ġebel għax ma setgħux jieqfu fuq saqajhom, biex jibqgħu jiġġieldu sal-mewt.

Imbgħad mal-għodwa ta' nhar it-22 ta' Ġunju, it-Torok reġgħu għamlu attakk qawwi fuq il-fortizza, iżda tliet darbiet kienu ġew imreġġin lura, u ma' nżul ix-xemx il-bandiera kienet għadha tperper fiż-żiffa ħelwa ta' dik il-lejla sajfija.

Mal-lejl kienu jinstemgħu t-tokki tal-qanpiena ċkejkna tal-kappella ta' Sant'Iermu, donnu tnehid, iżda xiehda li kien għad hemm il-ħajja.

L-għada mas-sebħ tat-23 ta' Ġunju, lejliet il-festa ta' San Ġwann, il-Patrun tal-kavallieri, il-Gran Mastru mill-Birgu ipprova jibgħat l-għajnuna lil dawk ta' Sant'Iermu, imma t-Torok kif raw dan intefgħu b'ħilithom kollha fuqhom u rnexxilhom jgħelbu dik l-għajnuna. L-għada fetaħ il-qawwa kollha fierħa u n-nar tal-artillerija donnu li kien żejjen dawk il-ftit ħitan tal-fortizza li kienu baqgħu weqfin fost il-ħerba ta' dak li kien Sant'Iermu.

Kif spiċċa l-bumbardament aħrax, il-Ġjannizzari intefgħu għall-assalt fuq il-fortizza. Il-furja Torka ma ħafret 'l ħadd. Dawk il-feruti li kienu miġbura fil-kappella ġew maqtula, min bl-alabardi, min bil-vleġġeġ. Uħud minn dawk li kienu sfaw ħielsa, u kienu ftit wisq, x'ħin qabduhom ġew maqtula u mbiċċra mbgħad rabtuhom ma' xtabi, u sammruhom f'għamla ta' salib, u wara tefgħuhom il-baħar biex bir-riħ u l-mewġ imexxihom fuq ix-xtajta l-oħra, lejn Sant'Anġlu.

L-għan ta' din il-kefrija kien biex it-Torok ibaxxu l-moral tal-kavallieri u ta' dawk li kien hemm fuq is-swar tal-Birgu, u l-oħrajn fil-fortizza ta' San Mikiel.

Il-kefrija tat-Torok kienet waslet biex l-irjus maqtugħa tal-kavallieri u tal-oħrajn ġew imwaħħla fuq lasti, u poġġewhom fuq il-blat tax-xtut biswit Sant'Anġlu biex bħallikieku ibeżżgħu lill-sħabhom. Iżda din il-kefrija flok ma xejnet il-moral tal-kavallieri aktar żeditilhom il-ħila u l-kuraġġ biex jitqabdu mal-għadu sal-mewt.

Imbagħad il-bandiera Torka dehret tperper u tittajjar fuq il-fdalijiet ta' dak li kien Sant Iermu.

Il-waqgħa ta' Sant'Iermu kienet swiet lit-Torok dwar tmint elef ruħ, fosthom uħud mill-aqwa ġellieda.

# Intervista mal-Pensjonant l-ex-Surġent Maġġur Grech

Nota: Nibda biex ngħid li ma' l-ewwel pubblikazzjoni ta' intervista ta' din ix-xorta, kienu ħafna dawk l-ex membri tal-Korp li apprezzaw dawn l-intervisti u ħeġġewna biex inkomplu.

L-ewwel mistoqsija li għamilt lis-Sur Grech kienet x'kien ix-xogħol tiegħu qabel huwa daħal fil-Korp tal-Pulizija. Is-Sur Grech wieġeb li l-ewwel xogħol tiegħu kien fit-Tarzna fejn kien daħal bħala 'yard boy' u mnejn spiċċa sentejn wara bħala 'assistant electrical fitter'. Wara dan ix-xogħol huwa għamel xi żmien mar-Revenue Guards, id-Dwana u fit-28 ta' April 1921 huwa ngaġġa fil-Korp tal-Pulizija fi żmien il-Kummissarju Bamford. Bħal ħafna pensjonanti anzjani oħra, meta jsemmi lill-Kummissarju Bamford, dawn ma jkollhomx għajr kliem ta' tifħir għal dan il-Kummissarju u s-Sur Grech semma' meta kien spiċċa minn Kummissarju s-Sur Bamford. Is-Sur Grech qal li l-Korp tal-Pulizija kellu ċertu obbligazzjoni lejn dan il-Kummissarju u l-membri tal-Korp riedu juru l-apprezzament tagħhom lejh meta ġie biex iħallihom u għalhekk dak inhar li s-Sur Bamford telaq għall-aħħar darba mill-Uffiċċju tiegħu, f'dak iż-żmien in-Knights Hall (illum Dar il-Mediterran Għall-Konferenzi), huwa kien ingħata merħba kbira b'ċapċip u ħruq tas-suffarelli.

L-ewwel numru ta' identifikazzjoni tas-Sur Grech kien 754 u dan in-numru ġie mogħti lilu f'April 1921 meta flimkien ma' xi ħamsin oħra huwa kien ingaġġa fil-Korp. Mas-Sur Grech kienu daħħlu fil-Korp xi 'footballers' magħrufa peress li kien hemm il-ħsieb li jkun hemm team tal-futbol tal-pulizija ta' ċertu livel. Fost dawn il-players kien hemm Gejtu l-Ħaċċa li kien jilgħab mal-Ħamrun. Il-Bazok, player tal-Furjana, Gejtu Sciberras u Salvu Cilia mlaqqam tal-Ħmar. Kif diġà ntqal, il-Pulizija kellha team tajjeb u kienet tieħu sehem ukoll f'kompetizzjonijiet tal-futbol ma' teamijiet oħra tal-futbol lokali.

Dwar l-ewwel taħriġ ma' l-ingaġġ fil-Korp, is-Sur Grech semma' li dan kien jikkonsisti f'lectures minn fizzjali tal-Korp,

*(Ikompli paġna 11)*

Fir-ritratt jidher l-ex Surġent Maġġur Grech bil-qegħda fuq il-lemin flimkien mas-Suprintendent Bonello (fin-nofs) u l-Ispettur Coppola (xellug). F'dan ir-ritratt jidhru wkoll: fin-nofs mix-xellug għal-lemin: Is-Surġent Laferla, l-Ispettur A. Cassar, Is-Sur Bonni (ex Bandmaster) bħala Surġent, Is-Surġent Calleja, Is-Surġent Peter Boy; Fuq: Is-Surġent Grech (vapuri), Is-Surġent (wara 1/SM) P. Said. u Surġent.

Ir-ritratt meħud fl-għassa tal-Ħamrun.



**Bil-wieqfa mix-xellug: PC 1267 Grech; 1108 Cassar; 1213 Spiteri; 1214 Demarco; PS 357 Micallef; PC 835 Camenzuli; PS 1145 Mizzi; PC 934 Micallef; 1318 Buttiġieġ; 1137 Magro; PS 205 Mizzi u PC 500 Mallia**

THE POLICE FORCE
PROVIDES

# •PROTECTION
# •SECURITY

# PROVIDE THESE FOR YOURSELF OR YOUR FAMILY!

Talk to our Life Specialists at:

**MEDITERRANEAN INSURANCE BROKERS LTD,**
**P.O. Box 320,**
**Maison Demandols,**
**29/30 South Street – Valletta**



WE CAN ADVISE YOU ON ANY OF THE FOLLOWING LIFE ASSURANCE COVERS, SUCH AS ★**PROVISIONS FOR A DOWRY** ★**SAVING PLANS**

★**MORTGAGE PROTECTION ON YOUR LOAN** ★**PROTECTION FOR THE FAMILY FOR THE UNEXPECTED LOSS OF THE BREADWINNER.**

**Manufacturers of**
**Precast & Prestressed Concrete Products**
**for**
**Industrial & Domestic Use**
**Products in Production include**
**Prestressed Holow Core Slabs**
**Prestressed concrete Poles**
**Reinforced concrete Pipes**
**Precast Slabs & Kerbs**
**other precast design product to customer requirements.**



**Concrete Products Ltd.,**
**Ta' Qali** Tel: 41359
Tel: 491529

FREE ESTIMATES

# Puma Footwear Ltd.

14, VILLAMBROSA STR., ĦAMRUN

Manufacturers of High Quality
LADIES & GENTS
Fashion Shoes and Boots
in Real Leather
as well as
COMMERCIAL FOOTWEAR
to order

***Trade Enquiries Phone 26904***

*(Ikompli minn paġna 10)*

avukati jew prokuraturi legali; f''physical training' u 'drill' militari bir-'rifles'. Huwa semma' lil wieħed mill-fizzjali ta' dawn il-lectures, ċertu s-Sur Inglott, li kien qal lir-rekluti li hekk kif dawn joħorġu fuq il-'beat' u jiġu avviċinati mill-pubbliku, l-ewwel ħaġa li kellhom jagħmlu hija li joqogħdu bl-attention bħala sinjal ta' rispett lejn il-pubbliku. Dan qal is-Sur Grech kienu jagħmluh bil-għan li jirbħu s-simpatija tal-pubbliku li fl-imgħoddi kienet kbira ħafna.

L-ewwel post li serva fih is-Sur Grech bħala rekluta kien fil-Belt Valletta. Huwa semma' li f'dak iż-żmien fil-Belt kienu jmorru ħafna tlaleb u l-pulizija kienet tieħu ħsieb li dawn ma joqogħdux idejjqu lin-nies. Kien isir spezzjonar ukoll fuq il-bejjiegħa (hawkers) u r-ragħja tal-mogħoż li kienu jidħlu fil-Belt. Xena li ma jinsa qatt kienet dik tar-'relieve' tal-kuntistabbli fuq il-beat fil-Belt meta allura dawn kienu jilbsu l-Great Coat. Dawn il-pulizija kienu jitilgħu jimmarċjaw mill-Kwartieri tal-Pulizija fi Strada Merkanti u jitilgħu sa fejn qabel kien is-Suq tal-Belt u jduru l-beats kollha tal-Belt fejn kien ikun hemm il-Pulizija. Dak il-Pulizija li jkun se jismonta kien jiġi mibdul minn pulizija ieħor wara li jagħti 'correct' lis-Surġent. Din, jgħid is-Sur Grech' kienet toħloq ċertu spettaklu anke fost dawk in-nies li jarawha. Il-Pulizija tal-beat f'dak iż-żmien kien joqgħod b'seba' għajnejn li ma jkunx hemm xi kontravenzjoni mhux osservata fuq il-beat tiegħu għaliex is-Surġent ta' l-għassa kien ta' sikwit jispezzjona dawn il-beats.

Matul is-servizz tiegħu fil-Korp is-Sur Grech ma jiftakarx li kellu xi esperjenzi ta' ferħ jew niket kbir ħlief il-ħajja ta' rutina tax-xogħol. Anke l-ġlied tal-baħrin, b'mod speċjali fi Strada Stretta, dan għajr xi ġlieda kbira, kien ukoll rutina.

Postijiet oħra li serva fihom il-Maġġur Grech kienu San Ġiljan fejn fl-1927 kien serva bħala kapural, u l-Water Police. Ma' l-ewwel ġurnata tiegħu f'dan il-post ta' l-aħħar, is-Sur Grech, dak inhar bħala kapural, kellu jassisti għal serqa ta' qamħ minn wieħed mill-imħażen tal-qamħ tal-Marsa.

Dwar l-esperjenza tal-gwerra, is-Sur Grech semma' li ftit qabel bdiet il-gwerra huwa kien ġie mitlub mis-Sur Semini biex jiġbor l-ismijiet i dettalji oħra tas-sidien tal-braken li kien hemm fix-xatt tal-Marsa. Dan ix-xogħol beda jagħmlu meta kien hemm indikazzjonijiet ċari li se tfaqqa' l-gwerra, kif fil-fatt sar. Ftit wara l-gwerra, fl-1941 is-Sur Grech ġie trasferit għas-C.I.D. meta kellu l-kariga ta' Surġent.

Fl-1946 is-Sur Grech laħaq Surġent Maġġur u l-ewwel post tiegħu f'din il-kariga 'l ġdida kien il-Ħamrun jew aħjar is-Central District. Minn dan id-distrett huwa ġie trasferit għal perjodu qasir fl-Eastern District (il-Kottonera) u wara għal darb'oħra fis-C.I.D.

Is-Sur Grech semma' wkoll is-serqa 'l kbira tat-Tarzna li kienet saret fl-1948 meta huwa kien stazzjonat il-Ħamrun. Huwa qal li għalkemm din is-serqa ma kienitx saret fid-distrett tiegħu, iżda t-tfittxija għall-flus kienet saret fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, raħal mad-distrett tal-Ħamrun u għalhekk id-distrett tiegħu kien involut sewwa sakemm instabu l-flus moħbija.

Dwar xi attivitajiet soċjali għall-membri tal-Korp is-Sur Grech semma' li fi żmien il-Kummissarju Stivala (1923-1928) kien ingħata bidu għat-tejatrin b'membri tal-Korp bħala atturi u dan kien isir fil-Long Ward tad-Depot (dak iż-żmien in-Knights Hall). Għal dan it-tejatrin kienu jattendu l-familji tal-membri tal-Korp kif ukoll xi ħbieb tagħhom.

L-ex Maġġur Grech kellu ibnu jservi fil-Korp Arthur li huwa wkoll pensjonant (ex-PC 800) aktar magħruf bħala Turu. Is-Sur Grech qal li jara bidla fil-Korp minn żmienu għaż-żmien li kien iservi ibnu kif ukoll minn dan l-aħħar żmien għaż-żmien tal-lum meta hawn aktar inċentivi, b'mod speċjali fi promozzjonijiet, għall-membri tal-Korp.

Minn dawn il-kolonni aħna nawguraw lill-ex Surġent Maġġur Grech li llum għandu l-età sabiħa ta' tlieta u tmenin sena, ħajja itwal u memorji sbiħ dwar il-passat.

*(Ikompli minn paġna 24)*

**Klassifika tat-teamijiet sal-5 ta' Jannar, 1984**

L R D T F KPti

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| GHQ/M/FCP | 6 | 4 | 1 | 1 | 15 | 4 | 9 |
| Dist. No.1&2 | 6 | 4 | 1 | 1 | 13 | 4 | 9 |
| CID YARD | 6 | 3 | 1 | 2 | 6 | 5 | 7 |
| Dist. No.5&6 | 6 | 3 | 1 | 2 | 8 | 9 | 7 |
| Dist. No.3/CCP | 6 | 2 | 1 | 3 | 5 | 9 | 5 |
| Dist. No. 4 | 5 | 2 | 0 | 3 | 3 | 6 | 4 |
| Traff./Dog Sec | 5 | 1 | 2 | 2 | 4 | 6 | 4 |
| Airport/Im mig. | 6 | 0 | 1 | 5 | 4 | 15 | 1 |

**League tal-Gvern/Parastatali**

**II Diviżjoni**

**E.M.W.D. .................. 0**

**PULIZIJA ................. 0**

Kif kien mistenni, din il-partita żvolġiet f'logħba tajba, u għalkemm l-iskor baqa' ma nfetaħx sa l-aħħar, it-teamijiet kienu ferm attenti, li ħadd minnhom ma jagħmel xi żball. Bil-ballun tiela' u nieżel, u bosta attakki fuq iż-żewġ naħat, wieħed ma jistax ma jfaħħarx il-wirja tajba mill-goalkeeper ta' E.M.W.D. A. Saliba u dak tal-Pulizija – PC1263 Cosby, li ċaħdu lill-attakkanti ta' kull naħa milli jifthu l-iskor b'saves u ħarġiet tajba.

**Klassifika tat-Top Scorer sal-5 ta' Jannar, 1984**

7 Goals: PC120 Pace.
5 Goals: OC567 Bajada
4 Goals: PS1145 Mizzi, PC585 Calleja
3 Goals: PC500 Mallia, PC610 Grima
2 Goals: PC413 Xuereb, PS709 Zammit, PS1116 Bartolo, PC321 Gatt, PC673 Mallia, PC68 Mallia, PC765 Attard.
1 Goal : PC512 Ellul, PC564 Borg, PC1401 Pisani, PC241 Borg, PC809 Vella, PC166 Cheritto, PC559 Mulvaney, PC203 Cilia, PS800 Calleja, PC305 Gauci, PC357 Sammut, PC811 Busuttil, PC665 Psaila, PC1390 Connors, PC854 Bonnici, PC683 Caruana, PC607 Camilleri.
Auto Goals: PC51 Tonna.

# L-AĦĦAR TISLIMA LILL-KUNTISTABBLI PAUL ZAMMIT

Nhar it-Tnejn, 12 ta' Diċembru 1983, il-Korp tal-Pulizija ta l-aħħar tislima lil ex P.C. 515 Paul Zammit li miet fl-għomor ta' 28 sena waqt tħarriġ ta' l-isparar fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija nhar is-Sibt, 10 ta' Diċembru 1983.

Paul Zammit li ngaġġa fil-Korp tal-Pulizija madwar sena ilu kien stazzjonat fli Special Operations Branch u fil-ftit żmien li kien ilu fil-Korp huwa wera ħila u ħeġġa fix-xogħol. Bħala karattru, huwa kien bniedem li jmur tajjeb ma' kulħadd u dan jixhduh il-bosta ħbieb li kellu fil-Korp. Paul kien miżżewweġ lil Lucy u kien joqgħod Birkirkara.

Il-funeral ta' Paul Zammit beda mill-Isptar San Luqa għal ħabta tat-2.45 p.m. għall-knisja parrokkjali taż-Żejtun, ir-raħal fejn twieled Paul. Matul din it-triq, il-kadavru skortat mill-muturi tat-traffiku kien akkumpanjat minn bosta karozzi, kemm tal-familjari kif ukoll ta' għadd kbir ta' membri tal-Korp. Ħafna minn dawn il-karozzi ġarrew kuruni tal-fjuri.



Waqt il-quddiesa fil-knisja taż-Żejtun



L-iskorta tal-Pulizija flimkien mal-banda tal-Qawwiet Armati waqt il-funeral

Mal-wasla tal-kadavru fiż-Żejtun kien hemm jistennew aktar membri tal-Korp fit-triq ta' bejn Pjazza Gregorio Bonnici sa Pjazza Carlo Diacono. Dawn il-membri tal-Korp kienu fuq iż-żewġ naħat tat-triq li sellmu lill-kadavru kif għadda minn quddiemhom.

Il-quddiesa praesente cadavere ġiet konċelebrata mill-Kappillan taż-Żejtun kif ukoll il-Kappillan tal-Pulizija u għal din il-quddiesa attendew id-Deputat Prim Ministru Dr Carmelo Mifsud Bonnici u d-Deputat Prim Ministru s-Sur Wistin Abela flimkien mal-Kummissarju, Deputat Kummissarju, Assistent Kummissarju, fizzjali u bosta membri tal-Korp.

Wara l-quddiesa, il-kadavru ta' Pawlu, dejjem mogħti b'bandiera Maltija, bil-beritta u ċinturin fuqha, u merfugħ minn membri tal-Korp, ittieħed f'korteo minn fejn il-knisja sa'




Forsi ilek ittella' u tniżżel li jkollok id-dar tiegħek. Wasal iż-żmien li twarrab il-ħolm fil-ġenb u tagħmel pass il-quddiem biex tikseb id-dar tiegħek.

Lohombus Corporation Limited tista' tgħinek biex tixtri jew tibni darek billi toħroġlok self għal tul ta' żmien skond il-mezzi tiegħek.

Tista' tikseb informazzjoni sħiħa mill-uffiċju tagħna u mill-fergħat kollha tal-Bank of Valletta Limited u tal-Mid-Med Bank Limited f'Malta u Għawdex.

**LHB LOHOMBUS CORPORATION LIMITED**

**Development House, Floriana. Tel: 620412/3, 605013.**



## "PERFECTA" WITH PUMP CYLINDER

The absolutely original smallest key offers the owner the maximum security

The key numbering cannot be repeated

ISEO "Perfecta" lock is the guarantee against any lock-picking

## Carmelo Gauci Ltd.

Importers of all kinds of timber, plywood, blockboard, chipboard, hardboard, laminated plastics, hardware, woodworking & aluminium machines.

**"CARGA"**
**New Street, off Qormi Road,**
**St. Venera.**

**Tel: 45717 – 43861**

## The Edible Oil Refining Company Limited

AND ITS SUBSIDIARIES

**SUN CHEMICALS LTD.**
Household and Industrial Detergents, Liquid Soaps, Toilet Soaps, Laundry Soaps, Deodorants, Anti-persperants, Shampoo, Disinfectants and Sodium Silicate Solutions.

**MARGARINE MANUFACTURING CO. LTD**
Butter, Margarines, Cooking Fats, Cheese and Edible Fats.

**POULTRY PRODUCTS LTD.**
Day-old Broiler and Frozen Poultry, Frozen Fish and Frozen vegetables.

**FOOD INDUSTRIES LTD.**
Manufacturers of Ice-Creams for Catering and Retail Outlets.

THE REFINERY, MGIERET ROAD, MARSA.
Cables: Oilrefine. Tel.: 621451/2/3 – 623613. Postal Address: P.O. Box 539 Valletta – Malta.

MOTTURA

# WALL SAFES



Mottura wall safes of quality combine the best engineering solutions with carefully chosen material.

- High precision mechanical parts
- Three dial combination
- Pace setting engineering solutions
- Carefully chosen materials

*For further information contact*

emec

Emec Limited
55 Old Theatre Street, Valletta
Tel: 625904

# SERVICE & SECURITY

*Middle Sea Insurance – Malta's first insurance company – is now offering a full and competitive service that covers most classes of insurance, including special policies for home owners and shopkeepers.*

*Entrust the things you value to the people you can trust, a Maltese company specialising in absolute security with efficient service.*

*Rely on its international experience.*



**Middle Sea Insurance Co Ltd**

Middle Sea House, Floriana. Tel: 626262

Pjazza Gregorio Bonnici. F'dan il-korteo mxew, flimkien mal-familjari ta' Pawlu, id-Deputat Prim Ministru Dr Carmelo Mifsud Bonnici u d-Deputat Prim Ministru s-Sur Wistin Abela, il-Kummissarju tal-Pulizija flimkien mal-fizzjali l-oħra tal-Korp, rappreżentanti tal-Forzi Armati ta' Malta u Task Force. Indaqqu wkoll marċi funebri mill-banda tal-Qawwiet Armati ta' Malta. Matul din it-triq, għal darb'oħra kien hemm membri tal-Korp li taw l-aħħar tislima lil Pawlu.

Minn Pjazza Gregorio Bonnici fiż-Żejtun, il-kadavru ta' Pawlu telaq, dejjem akkumpanjat minn bosta karozzi, għaċ-ċimiterju ta' San Gorg f'Ħal Qormi. Hawnhekk, għal darba oħra, il-kadavru ġie skortat minn skorta ta' Pulizija li mxew qabel il-kadavru.

Qabel id-dfin indaqq il-Last Post u ġie sparat salutt.

Il-Korp reġa' ftakar fl-ex kollega Pawlu Zammit meta nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Jannar 1984 ġiet ċelebrata quddiesa għal ruħu fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fejn għaliha attendew xi familjari ta' Pawlu. Il-Pulizija f'Għawdex ukoll sellmu lil Pawlu b'quddiesa fl-Għassa ta' Victoria, Għawdex nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Diċembru 1983.

Minn dan il-magazin nixtiequ nagħtu l-għomor lill-familjari ta' Pawlu Zammit.



**It-tebut merfugħ minn membri tal-Korp li warajh jidħru l-familjari ta' Pawlu**



**Id-dħul tal-kadavru fiċ-ċimiterju ta' San Ġorġ, Ħal Qormi**

*(Cont. from page 5)*

her middle age, who has never been gainfully employed, is injured or killed in an accident. Would she, her husband or heirs be able to recover damages for future loss of earnings? In recent years the trend taken by our Courts in a number of judgements has been to take a more liberal and perhaps more generous attitude in such claims and awards have been made for potential future loss of earnings though making certain prudent deductions to take into account the lesser probability of such a loss due to the unlikelyhood of such a woman having to resort to go to work.

This problem has, however, also been solved from angle another as well. In cases where either because of the wife's disablement or death, the husband has to take on domestic help to keep the household going, then he is compensated for the estimated expense he is likely to incur as a result of his wife being incapacitated. Here, perhaps, case law has slightly departed from the above classification of recoverable damages into actual loss and loss of future earnings as compensation for future expenses is strictly not actual loss, nor loss of earnings, nevertheless similar awards have even passed the scrutiny of our Court of Appeal and this is certainly a positive development which I am sure few would criticise.

(TO BE CONTINUED)

# MILL-IMGĦODDI

**TISLIMA LIL ARĊISQOF**

**EMERITUS MONS M. GONZI**

Għal din is-sensiela ta' ritratti antiki għażilt ritratt meħud fl-Officers' Mess fl-1957 fejn jidher l-Arċisqof Gonzi flimkien mal-Kummissarju Vivian de Gray, id-Deputat u l-Assistent Kummissarju u l-fizzjali tal-Korp ta' dak iż-żmien. L-uniku fizzjal li jidher fir-ritratt u li llum għadu jservi fil-Korp huwa s-Sur A.M. Tommasi, dak iż-żmien spettur u llum Deputat Kummissarju li jidher bil-wieqfa t-tieni mix-xellug. Bil-qegħda jidhru wkoll Mons Xuereb, illum Vigarju Ġenerali u Dun Fortunat Cachia, Kappillan tal-Pulizija.



# Espert tat-trobbija tal-klieb isib li

# ANDREWS

# ACTIVATOR EASY MIX

## hu l-aħjar ikel għall-klieb tiegħu.



"Għalija dejjem kienet problema u wġieħ ta' ras kbir x'sejjer nitma t-tnax il-kelb tiegħi li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma Italian Greyhounds u tal-But. Fl-aħħar irnexxieli nsib is-soluzzjoni "New Activator Easy Mix" — prodott ta' Andrews Feeds (Malta) Ltd. Dan il-prodott faċli tippreparaħ. Fil-kas tiegħi u ta' dawk li għandhom il-klieb kbar, ikun aktar ekonomiku kieku dan l-ikel jitħallat ma' 'dog biscuits' jew ma' għaġin mgħolli, In-New Activator Easy Mix hu magħmul mil-laħam, għadam, wheatgerm, ħut, vegetable oil u vitamini oħra u għandu konċentrazzjoni għolja ta' proteini meħtieġa għas-saħħa tal-klieb tiegħi".

Mr. L.T. Fsadni






*In-New Activator Easy Mix Dog Food issibuħ għand il-ħwienet ta' l-annimali.*

**ANDREWS FEEDS (MALTA) LIMITED**

Telephone: 621735 / 627202 / 26970

# PROTECT AGAINST FIRE AND BURGLARY WITH A CHUBB SAFE

The famous firm of Chubb have manufactured this safe especially for the smaller office or business. The Chubb Commerce Quality Safe resists burglars and fire too. It offers strong protection against attack by explosives and drill, and is competely surrounded by Chubb fire-resisting material, tested and approved by independent authorities. For a reasonable price the security of a Chubb Safe can be yours. Come and see the Chubb Commerce Quality Safe.

(Possibly a Chubb Wall Safe will serve your needs. Why not come and see that too?)




## PHILIP TOLEDO LTD

NOTABILE ROAD
MRIEHEL – MALTA
TELEPHONE: 44747–45566
CABLES: MEDIA–MALTA

Please send me your Free details about Chubb Safes

Name ____________

Address ____________

____________




## CROSSWORD – Ibgħat il-Crossword. Hemm rigali għar-rebbieħa.

**MIMDUDIN:**
1. Mhux edukat
4. Mingħajru karozza ma timxix
8. Laqa' b'rispett
11. Hemm erbgħa tal-karti
13. Gżejjer fl-Oċean Paċifiku
14. Tajjeb biex niktbu fuqu
16. Rip Van Winkle dam 100 sena hekk
18. Fl-affermattiv
19. Tajjeb għall-ikel
21. Jaħdem ġo garaxx
24. Żeffiena tal-palk
28. Pajjiż Ewropej
29. Għasfur li jħobb?
30. Għamel bħal nru. 8
31. Nikluha l-forn jew moqlija

**WEQFIN:**
1. Għasfur
2. Mogħti għal ftit taż-żmien
3. Ħu Kajjin
5. Mhux kburi
6. It-tieni persuna
7. ...... Reagan
9. Jistgħu jkunu Maltin, Taljani jew Ingliżi
10. Ma tibqax fil-platt
11. Ħoss ta' xkubetta
12. Ukoll
15. Ħafna nies wara xulxin
17. Omm Nru. 3
19. Ta' sikwit
20. Fejn jagħmlu l-ħobż
22. It-tieni Papa
23. Pajjiż fl-Afrika
24. Ta' l-iskola jew tal-flus
25. Annimal feroċi
26. Tħallix vojt
27. Biex iżżommha trid liċenzja tal-Pulizija




### SOLUZZJONI TA' L-AĦĦAR ĦARĠA

| Mimdudin: | Weqfin: |
|---|---|
| 3. Saħta | 1. Nebaħ |
| 8. Seqer | 2. Bersall |
| 10. Ersaq | 4. Arka |
| 11. Bir | 5. Terran |
| 12. Skart | 6. Artal |
| 13. Qassata | 7. Ħarab |
| 15. Radar | 9. Qis |
| 18. Ave | 12. Stenbaħ |
| 19. Saliba | 14. Ava |
| 21. Blandun | 16. Difru |
| 22. Abel | 17. Razza |
| 23. Griż | 19. Suffara |
| 24. Saffiru | 20. Marid |
| 26. Isseħħ | 21. Bewsa |
| 29. Ara | 23. Granell |
| 31. Drama | 24. Sħaħar |
| 32. Granita | 25. IRA |
| 34. Mħara | 27. Sriep |
| 35. Eli | 28. Emmen |
| 36. Medea | 30. Stima |
| 37. Klima | 32. Grad |
| 38. Nrodd | 33. Ili |

## Attivitajiet ta' l-Għaqda Pulizija Pensjonanti

Ara wkoll paġna 21

**Wine & Pizza Party** se tiġi organizzata fil-Police Social Club, nhar il-Ħadd 18/3/84, għall-pensjonanti, familji u ħbieb tagħhom. Biljetti jinkisbu mill-Uffiċċju Prinċipali fil-Klabb li qed ikun miftuħ nhar ta' Tlieta u l-Ħamis, bejn id-9.30 a.m. u 11.30 a.m.

MENU:— Wine, Pizza, 2 pastizzi/sausage roll, u sandwich. Prezz: 70c.

**Easter Dinner Dance:** Il-Kumm. Entertainment se torganizzah nhar il-Ħadd 22/4/84, fit-Topaz Hall, Qormi. Programm dettaljat jitqassam aktar tard.

Għall-informazzjoni tal-membri d-dħul li sar mill-attivitajiet matul il-festi tal-Milied kienu:- Lotterija Lm90.00; Dinner Dance Lm35.50; Donations Lm72.00; Serata Lm34.77.

Ir-rebbieħa fil-lotterija mnedija mill-Għaqda kienu:- 1. Adrian Caruana, 'Car Mar', Church Avenue, Tarxien, Nru. 241. 2. John Grech, 116 Zerafa Street, Marsa, Nru. 450. 3. Joseph Schembri, New Villa, Żejtun Road, Tarxien. Nru. 457.

**Kummissjoni Morda:** Huwa l-ħsieb tal-Kumm. li terġa' tagħmel żjarat lill-pensjonanti morda, għalhekk qed isir appell lil dawk il-morda li ma joħorġux mid-dar, biex iċemplu l-klabb Tel. 27780, nhar ta' Tlieta u l-Ħamis, bejn id-9.30 a.m. u l-11.30 a.m.

Dawk li s-sena l-oħra rċevew l-avviż ta' żjajar m'għandhomx għalfejn iċemplu.

**Konferenza Ġenerali:** Peress li fil-konferenza li jmiss se jinħatar Kunsill ġdid, il-membri huma mitluba biex jirregularizzaw is-sħubija mas-Seg. Finanzjarju, biex ikunu jistgħu jippartеċipaw fil-votazzjoni, skond ir-Reg. 6. u Reg. 26., ta' l-Istatut tal-Għaqda.

**Korrispondenza:** Kull korrispondenza għandha tiġi indirizzata:-

Għaqda Pensjonanti tal-Pulizija, Police Social Club, St. James Counterguard, City Gate, Valletta.

# L-ATTIVITAJIET SOĊJALI TA' ŻMIEN IL-FESTI TAL-MILIED U L-EWWEL TAS-SENA

BĦAL snin oħra, il-Kumitat ta' l-Entertainment tal-Korp ħa ħsieb jorganizza diversi attivitajiet soċjali għall-membri tal-Korp u l-familji tagħhom. Kif wieħed jista' josserva, f'dawn l-aħħar snin, dawn l-attivitajiet kienu organizzati fuq skala verament għolja.

**Żjara lill-presepji**

Bħala bidu għal dawn l-attivitajiet, nhar il-Ħadd 18 ta' Diċembru 1983 ġiet organizzata żjara għat-tfal tal-membri tal-Korp lil xi presepji għal wiri. It-tfal ittieħdu jaraw żewġ presepji f'Ħ'Attard u presepju ieħor fl-Istitut Ġesu Nazzarenu taż-Żejtun.

**Party tat-tfal**

Nhar l-Erbgħa, 21 ta' Diċembru nżamm il-party tat-tfal tal-membri tal-Korp ta' età bejn il-



**Waqt it-Tqassim tar-Rigali**



**Membri tal-Pulizija stazzjonati f'Għawdex waqt Dinner Dance**

ħamsa u tnax-il sena. Il-Party nżamm fl-Istitut Kattoliku l-Furjana fejn kien hemm attendenza ta' madwar ħames mija. Din kienet l-ewwel sena li l-party tat-tfal tal-Pulizija nżamm f'dan il-post u nstab li dan il-post huwa idejali għaliex filwaqt li t-tfal ikunu fis-sala, il-ġenituri jistgħu joqogħdu jistennew fil-gallerija jew fil-bar li hemm fil-post.

Waqt il-party kien hemm wiri ta' films, daqq ta' mużika mill-Musical Group tal-Pulizija u kant mid-duo Johnny u Joe. F'għeluq il-party tqassmu r-rigali li din is-sena kienu tassew sbieħ u kien hemm kliem ta' tifħir għal dawn ir-rigali. Ta' min isemmi wkoll li t-tfal ta' bejn is-sentejn u erba' snin ingħataw rigal għalkemm dawn ma ġewx mistiedna għall-party.

## Dinner Dance

Nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Diċembru saret l-ewwel attività għall-membri tal-Korp b'Dinner Dance fin-Nigret Night Club. Dan kien wieħed mill-isbaħ dinner dances li qatt organizzat mill-Pulizija u dan, għar-raġuni li l-atmosfera tal-post kienet sabiħa, barra minn dan kien hemm 'floor show' ta' madwar siegħa u nofs.



**Il-Musical Group tal-Pulizija flimkien mad-duo Joe u Johnny**



**Mary Rose Mallia waqt il-Police Show**

## Il-Ballu

Il-ballu nżamm fid-data u post tradizzjonali, jiġifieri fil-Ballroom tal-Lukanda Phoenicia fis-26 ta' Diċembru. Bħal snin oħra waqt il-ballu kien hemm daqq mill-musical group tal-Pulizija barra minn disco. Mistiedna oħra kienu Ray West fuq l-electronic accordion u d-duo Johnny u Joe li flimkien mal-group tal-Pulizija telgħu serata mill-isbaħ. Mistieden ieħor kien Gillu li feraħ lil kulħadd biċ-ċajt tiegħu.

## Police Show

L-akbar attività għal dawn il-ġranet kienet bla dubju l-Police Show li nżamm f'Dar il-Mediterran Għall-Konferenzi nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Diċembru bejn is-7 p.m. u l-11.30 p.m. Għal dan ix-show ġie mistieden l-akbar talent lokali li flimkien maż-żeffiena barranin, The Vegas Girls (ġentilment mogħtija lilna min-Nigret Night Club) taw serata mill-isbaħ lill-attendenza ta' madwar elf ruħ.

Dawk li ħadu sehem f'din il-varjetà kienu:

Comperes: Norman Hamilton, Josette Grech u Doris Pandolfino

Kantanti: Renato, Mary Rose Mallia, Marisa, Carmen Curmi, W.PC. Anita Schembri u WPC Rita Falzon u l-Qawsalla Folk Group.

Żeffiena: The Vegas Girls u d-Duo Domanda.

Magician: Vanni Pule.

Entertainers: Charles Clews u Josie Coppini.

Mużika: Police Musical Group u Ray West fuq l-electronic accordion.

Ta' min isemmi li f'Lulju 1983 kienu wkoll saru arranġamenti biex jittella' show 'open air' fil-ġnien ta' l-Argotti, il-Furjana u kien hemm imħejji programm varjat u sabiħ ħafna. Dan kellu jitħassar fl-aħħar mumenti minħabba nuqqas ta' attendenza. Jista' jagħti l-każ li dan ġara peress li fis-sajf wieħed jippreferi jqatta' l-ħin liberu ħdejn xatt il-baħar. Madankollu hemm il-possibiltà li għas-sajf li ġej jittella' xi programm simili, iżda dwar dan jingħata tagħrif aktar 'il quddiem.

# ATTIVITAJIET SOĊJALI F'GĦAWDEX

Il-Pulizija stazzjonati Għawdex ukoll kellhom diversi attivitajiet soċjali li bdew fit-23 ta' Diċembru 1983 meta organizzaw Dinner Dance fit-Tokk Night Club, Victoria.

Fid-29 ta' Diċembru 1983 ġie organizzat il-party tat-tfal fl-Oratorju Dun Bosco li għalih ġew mistiedna wkoll xi tfal mill-Istitut ta' San Ġużepp u minn Lourdes Home.

Fis-27 ta' Jannar 1984 ġie wkoll organizzat 'get-together' għall-membri tal-Korp u l-familji tagħhom. Dan ukoll ġie organizzat fit-Tokk Night Club. Waqt dan il-get-together saret ukoll preżentazzjoni ta' għotja ta' flus miġbura mill-membri tal-Pulizija f'Għawdex għall-Inkapaċitati.



It-tfal fis-sala

PACKAGING
QUALITY
RELIABILITY

Acris Container Ltd.

SIR PAUL BOFFA AVENUE, PAOLA, MALTA
TELEPHONE 826329/603789
TELEX 458 MW
CABLES CARTONES – MALTA


We all agree
HOPLEAF
PALE ALE
HOPLEAF
PALE ALE
When it comes to beer
everyone agrees on Hopleaf.
Brewed from fine selected ingredients
and backed by Farsons' years of experience,
Hopleaf really satisfies.
Have a Hopleaf.
FARSONS - Brewers with a world of experience.

Jekk għamilt il-ħsieb li tieħu vaganza fis-sajf barra minn Malta, tieħux deċiżjoni fejn sejjer qabel tara t-

**TOURS CATALOGUE 1984**
**TAL-PROGRESSIVE TOURS**

# EASYSELL LTD

**MDINA ROAD, QORMI**

**TEL: 44355, 47413**

Il-Management tat-**TOPAZ ROOM, Mdina Road, Qormi** javża li s-Sala tista' tinkera bil-catering jew mingħajr catering.

# MEXICO GARAGE

# ZIMELLI STREET MARSA

**OFFICE TEL: 627111-21888**

RES. TEL. 820589-21230

RENT-A-CAR Co. Ltd.

***For The Best Service In Car Rentals***

***Agents For:***

GUY SALMON car rentals



For further information please call our office.
Arrangements can be made to have a car waiting for you at a U.K. Airport.



# INTERPOL

Mill-Ispettur A. Seychell

•Biex inkomplu fejn ħallejna bil-ħarġa ta' qabel din, illum imiss li naraw xi ħaġa dwar l-istorja ta' l-Interpol, speċjalment kif oriġinat din l-organizzazzjoni.

L-ewwel attentat biex titwaqqaf din l-organizzazzjoni kien sar f'April tal-1914, meta fuq stedina tal-Prinċep Albert I, ġie organizzat l-ewwel Kungress Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali ġewwa Monaco. Dakinhar Uffiċjali tal-Pulizija, Maġistrati u Avukati minn erbatax-il pajjiż jew territorju ltaqgħu u ġew diskussi ħwejjeġ dwar ċentralizzazzjoni ta' ċerta informazzjoni li tista' tintuża minn pulizija f'diversi pajjiżi. Minħabba li ftit xhur wara dan il-Kungress faqqgħet l-ewwel gwerra dinjija, ix-xogħol kollu li kien sar kellu jitwarrab.

Kien Settembru, 1923, meta ltaqgħa t-tieni Kungress Internazzjonali tal-Pulizija Kriminal. Dak inhar ħadu sehem il-Kapijiet tal-Pulizija ta' seba' pajjiżi u ġie deċiż li titwaqqaf l-**International Criminal Police Commission,** illi l-iskop tagħha kien li żżid il-koperazzjoni bejn il-Pulizija ta' pajjiżi diversi. Ġie deċiż ukoll illi l-Kwartieri Ġenerali ta' din il-Kummissjoni jkunu fi Vjenna, l-Awstrija fejn fil-fatt kienu qed jiltaqgħu l-membri. Sal-1938 din il-Kummissjoni mxiet b'pass mgħaġġel u sa dik is-sena fil-Kummissjoni kienhemm erba' u tletin pajjiż membru. Iżda peress li fl-istess sena faqqgħet it-tieni gwerra dinjija, ix-xogħol tal-Kummissjoni kien affettwat bil-qawwi tant illi sal-1945 din ma setgħetx tiffunzjona. Sadanittant il-Kwartieri tal-Kummissjoni ġew trasferiti f'Berlin.

Fl-1946 eżattament bejn is-6 u d-9 ta' Ġunju, 1946, saret dik li sal-lum baqgħet tissejjaħ il-Konferenza ta' Brussels. Din ma kienet xejn ħlief attentat biex terġa' titwieled l-ICPC u sbatax-il pajjiż ħadu sehem.

Fl-istess sena l-Kwartieri Ġenerali ta' din l-għaqda ġew trasferiti għal Pariġi. Sal-1955 ħamsin pajjiż ingħaqdu ma' din il-Kummissjoni. Sal-1972 kien hemm 144-il pajjiż u llum, kif rajna fil-ħarġa ta' qabel, il-pajjiżi msieħba fl-Organizzazzjoni huma sa 134. L-ICPC ġiet magħrufa bħala ICPO u ċioè l-**International Criminal Police Organisation** fis-sena 1956, meta l-Kostituzzjoni ta' l-għaqda ġiet emendata skond il-ħtieġet għall-Koperazzjoni internazzjonali.

Ta' min isemmi illi meta l-Organizzazzjoni waqqfet il-Kwartieri Generali tagħha f'Pariġi fis-sena 1946, din ma kellha ebda propjeta tagħha. Eventwalment, bħala riżultat ta' tmexxija għaqlija l-Organizzjoni xtrat l-art u bniet il-Kwartieri Ġenerali f'St. Cloude ftit 'il barra minn Pariġi, li ilhom okkupati mill-Interpol mill-1966.

**L-Għanijiet ta' l-Organizzazzjoni**

Mingħajr ma nidħlu f'dettalji, ikun f'waqtu illi wieħed jagħti ideja lill-qarrejja ta' din il-pubblikazzjoni, dwar x'inhuma l-għanijiet ta' l-Interpol. Kif semmejna aktar 'il fuq l-Interpol għandha l-Kostituzzjoni tagħha, u din hija li tikkontrolla l-istruttura u l-ħidma ta' l-istess għaqda.

Skond l-Artiklu 2 ta' din il-Kostituzzjoni l-għanijiet ta' l-Interpol huma kif se nsemmi:

a) Biex tiġi assigurata u mħajjra l-akbar għajnuna bejn l-awtoritajiet tal-Pulizija Kriminali kollha, skond kif jippermettu l-liġijiet li jeżistu f'diversi pajjiżi u bi tħaris tad-drittijiet tal-bniedem, u

b) biex jiġu mwaqqfa u żvilluppati istituzzjonijiet li jistgħu jikkontribwixxu biex jipprevenu u jwaqqgħu d-delitti.

Barra minn dan l-Artiklu 2 ta' l-istess Kostituzzjoni jagħmilha ċara illi mhux permess illi xi pajjiż membru ta' l-Interpol b'xi mod jindaħal f'xi ħwejjeġ li huma ta' natura politika – militari, reliġjuża jew razzjali.

Permezz ta' dan l-artiklu rajna fuq fuq xi ħaġa dwar l-istorja u l-għanijiet ta' l-Interpol li ilha tiffunzjoni għal aktar minn nofs seklu. F'artkoli oħra nibdew naraw il-progress ta' din l-Organizzazzjoni li biż-żmien u bil-koperazzjoni ta' kull wieħed mill-mija u erba' u tletin pajjiż membru saret waħda mill-aħjar mezzi ta' assistenza f'invetigazzjonijet kriminali.


**POLICE SOCIAL CLUB**

QED TIĠI ORGANIZZATA KOMPETIZZJONI GĦALL-AĦJAR LOGO TAL-POLICE CLUB MINN FOST IL-MEMBRI TAL-KORP

Il-Kumitat għalhekk jistieden il-membri tal-Korp jibagħtu d-disinji tagħhom lis-Segretarju tal-Club mhux aktar tard mill-5 ta' April, 1984.

**Jingħata rigal ta' Lm20 għall-aħjar disinn.**

# L-ITTRI TAGĦKOM

## L-Officers' Mess

Nirreferi għall-aħħar edizzjoni tal-Pulizija li ħarġet dan ix-xahar u nistqarr li ħadt gost ħafna nara ittri mibgħutin minn ex-membri tal-Korp ifakkru okkażjonijiet sbieħ u ta' min jiftakar fihom. Għalhekk ħassejt li jiena wkoll għandi nikteb xi ħaġa ta' siwi u li nixtieq li dan li se nikteb jiġi wkoll ippubblikat.

L-iskop ta' din l-ittri huwa biex nuri l-apprezzament tiegħi u ta' sħabi fizzjali għall-mod kif aħna kellna l-għajnuna kollha tal-Kummissarju tal-Pulizija preżenti biex wara ħafna xewqat issa għandna Officers' Mess li huwa l-għaxqa ta' kull min jarah. Għalkemm il-Kumitat ħadem bis-sħiħ biex dawn ix-xewqat jirnexxu, bla dubju ta' xejn din il-ħidma ma kienet tiswa għal xejn li kieku ma kellniex din l-għajnuna hekk bżonnjuża. Nixtieq l-ewwelnett insemmi x-xogħol ġdid li sar f'dan il-Mess u kif dan sar b'kapaċità kbira tal-Pulizija.

Barra minn hekk saret ukoll Games Room li llum isservi biex il-fizzjali jkunu jistgħu iqattgħu ftit mill-ħin tal-mistrieħ tagħhom flimkien u fl-istess waqt jiġu diskussi diversi suġġetti anke waqt il-ħin tal-mistrieħ. Nixtieq li b'din l-ittra, meta jgħaddu s-snin, jibqa' jiġi mfakkar li fis-sena 1983 li dalwaqt tispiċċa, sar dan ix-xogħol, u biex min jiġi warajna jiftakar kemm sagrifiċċji biex huma wkoll ikollhom post tal-mistrieħ.

Irrid ukoll insemmi l-okkażjoni sabiħa tas-17 ta' Diċembru 1983 fejn kellna reception u għal din l-okkażjoni konna onorati bil-preżenza tal-Eċċ. Tagħha l-President tar-Repubblika ta' Malta, is-Sinjorina Agatha Barbara, kif ukoll b'diversi Ministri fosthom l-Onor Karmenu Mifsud Bonnici. Kienet okkażjoni ferm sabiħa u ta' min jiftaħar biha, u dan jista' jixhdu kull min kien preżenti.

Għalhekk nerġa' minn qiegħ qalbi u f'isem sħabi kollha nirringrazzja lil kull min għen biex isir dan ix-xogħol u nitlob biex kulħadd jibqa' jagħmel l-almu tiegħu ħalli nuru li bil-ħidma u ftit sagrifiċċju kollox jista' jsir realtà.

## Badges qodma tal-Pulizija

B'effett mill-1 ta' Jannar 1984 kien hemm tibdil fil-badge tal-Pulizija u għalhekk ingħata issue ieħor ta' badges, buttuni u bokkla taċ-ċinturin tas-sajf. Dan naturalment wassal biex jinġabru l-badges, buttuni eċċ, li kienu jużaw il-Pulizija sa l-aħħar tas-sena l-oħra. Nixtieq għalhekk, għan-nom ta' pulizija dilettanti tal-badges li wieħed jingħata ċ-ċans jixtri minn dawn il-badges l-antiki.

## Rigali tat-Tfal

Nixtieq permezz ta' dan il-magazin nuri l-apprezzament tiegħi u ta' ħafna oħrajn għal kwalità ta' rigali li ġew mogħtija t-tfal tal-membri tal-Pulizija fl-aħħar party għalihom organizzat fl-Istitut Kattoliku fil-jiem tal-Milied. Nappella wkoll li għall-Għid jiġi wkoll organizzat xi party simili ta' dak li sar is-sena l-oħra f'Ħadd 'il Għid.

## Penfriend għal Malta

The following letter was recieved from Miss TRINE TOBIASEN of KARLUNDEVEJ 16 I, 2730 MERLEV, DENMARK.

I hope you can help me. My name is Trine and I am 19 years old. I am a daughter of an I.P.A. colleague here in Denmark (GUnna Tobiasen-Gladsave Police). I write to you because I would like to write to a girl from your country. Well now I Better tell you a little about myself and my interests. I work in a Radio/record Shop in Copenhagen and have been working here for eighteen months. I like karate, jazz ballet, music, animals and the nature.

Note: Those interested may write directly to Miss Trine Tobiasen.



Miss Trine Tobiasen

# Mill-Għaqda Pensjonanti tal-Pulizija

● L-EGĦLUQ tal-Konferenza Ġenerali jsir dejjem mill-President. Dan id-diskors isir biex il-membri jagħmlu riflessjoni fuq dik il-ħidma li tkun ġiet imwettqa mill-Kunsill matul is-sena. Rigward din il-ħidma smajtu biżżejjed mir-rapporti li għadhom kif inqraw mis-Segretarju u mir-Rappreżentanti tal-Kummissjonijiet.

Kull wieħed hawn preżenti, wara li jifhem sewwa dak kollu li semgħa, għandu japprezza x-xogħol li jsir mill-Kunsill biex l-Għaqda tinżamm attiva. Biex din il-ħidma tkompli tikber hemm bżonn il-koperazzjoni akbar bejnitna l-membri, ma għandniex nistennew li ċerti pensjonanti jibqgħu jikkritikaw biss għal dak kollu li tkun qegħda tagħmel l-Għaqda, ċerti tagħlin fl-għaqda jaraw biss dak li se jiġi akkwistat. Wieħed jgħid li l-Kunsill ma jagħmilx mirakli, hemm bżonn li lkoll flimkien nifhmu lil xulxin biex intejbu l-pożizzjoni tagħna.

Il-pensjonanti għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-g għad-dispożizzjoni tagħhom l-għajnuna u l-possibbiltà li joffri l-Kunsill; minn naħa l-oħra kull pensjonant għandu jgħin biex titnaqqas it-tbatija li l-pensjonanti sħabna jiltaqgħu magħha.

Wieħed josserva li meta jiġu mressqa x'ilmenti u ma jkunx hemm riżultati sodisfaċenti, kif mixtieq, allura nibdew nidhru koroh ma' ċerti pensjonanti, iżda aħna xorta bqajna nsemmgħu leħinna ma' l-Awtoritajiet.

Wieħed għandu jirrejalizza li aħna lkoll pensjonanti u qegħdin fl-istess pożizzjoni, fuq kollox irridu nkunu realistiċi, għax din l-inizjattiva biex ngħinu lill-pensjonanti sħabna, ħadniha, mhux għax aħna mħallsa jew impjegati biex nagħmlu dan, iżda għax għandna għal qalbna lill-pensjonanti anzjani, li l-għaqda, fil-maġġoranza tagħha hija komposta minn din il-kwalità ta' membri.

Bħal ma jaf kulħadd l-għaqda għadha fil-bidu tagħha u għalhekk hija ferm iebsa biex tasal għal dak li tkun tixtieq takkwista. Mill-esperjenza tagħna, nafu li hawn diversi għaqdiet u soċjetajiet li huma avvanzati, iżda għadhom ma akkwistawx dak li qed jaspiraw għalih. Safejn wieħed jaf, aktar ma' jgħaddi ż-żmien l-għaqda qed tiġi rikonoxxuta mill-Awtoritajiet Governattivi u Għaqdiet Kostitwiti. Bħal ma smajtu fir-rapport amministrattiv, ressaqna diversi lmenti quddiem Ministri u Kapijiet tad-Dipartiment, li għaqdiet oħra ma kellhomx l-istess opportunità, minn hawn wieħed jara li l-għaqda tgawdi l-fiduċja tagħhom, għax li kieku mna kienx hekk, żgur li dawn il-laqgħat ma kienux jirnexxu.

Kull wieħed minnha jaf, bħal ma naf jien, li qabel ma kellna l-għaqda, l-pensjonant li jirtira mis-servizz kien ikun mitluq mingħajr ebda protezzjoni, għall-kuntrarju tal-lum, għandu kin iressaqlu l-ilmenti tiegħu, għandu ma' min jiddiskuti l-problemi u d-diffikultajiet li jiltaqa' magħhom fil-ħajja ta' kull jum, ġie provdut klabb fejn flimkien mal-familja u ħbieb iqatta' l-ħin tiegħu u għandu min jorganizzalu attivitajiet rekeattivi u soċjali, u dan kollu dovut għall-ħidma intensiva tal-Kunsill u l-ħbieb ta' l-għaqda li dejjem ħadu l-inizjattiva biex jiġu mgħejjun il-pensjonant.

Illum ma rridux ninsew li qegħdin ngħixu f'qasam ġdid b'idejat ġodda, li minħabba f'hekk ħafna pensjonanti jaqtgħu qalbhom u ma joħdux sehem, għalhekk wasal iż-żmien li naħsbu fuq il-mod kif il-membri jkunu aktar attivi fit-tmexxija tal-Għaqda biex din tkun aktar effettiva.

Wieħed jagħmel appell sinċier lill-pensjonanti kollha, membri u mhumiex biex flimkien nitkellmu fuq il-bżonnijiet tagħna, b'mod speċjali fil-parteċipazzjoni tagħna fl-Għaqda; jinħtieġ li nħarsu lejn l-Għaqda b'mod pożittiv biex nibnu soċjetà bejnietna, fejn il-membri kollha jkunu konxji għall-kontribut li qed jingħata lill-pensjonanti sħabna. Bħal ma jaf kulħadd dejjem żammejna l-aħjar relazzjoni u bnejna reputazzjoni tajba ma' kulħadd. Jekk l-Għaqda għadha m'akkwistat xejn konkret żgur li mhux tort tal-Kunsill.

Qabel nagħlaq nixtieq nattira l-attenzjoni tal-pensjonanti, biex ma jiddiżappuntawx ruħhom għax-xnigħa li kien hawn fuq il-bolla tas-Sigurtà Nazzjonali, "li wara sitt xhur li tkun ilek irtirat mix-xogħol jew mis-servizz tista' tirreġistra". Din il-kwistjoni tal-bolla ġiet diskussa bosta drabi ma' l-għola awtorità li hemm fl-Uffiċċju tas-Servizzi Soċjali, iżda dawn dejjem sostnew li anke jekk tirreġistra xorta l-bolla trid titħallas biex tikkwalifika għall-pensjoni tas-sigurtà nazzjonali. Din l-informazzjoni ġiet prodotta bil-miktub mill-Ministeru tas-Servizzi Soċjali, li qegħda rekordjata għand is-Segretarju.

Il-Kunsill huwa impenjat ferm fuq din il-problema fejn qed tiġi trattata bħala l-akbar tbatija li qed isofri l-pensjonant. Għalhekk nissuġġerixxi lil pensjonanti li jieħdu parir mill-Kummissjoni Ilmenti, biex jiġu ggwidati fit-talbiet tagħhom. Il-quddiem jekk ikun hemm bżonn nistiednu uffiċjali mill-Ministeru tas-Servizzi Soċjali biex jispjegaw l-implimentazzjoni tal-liġi, rigward dawn il-pensjonijiet u l-bolla tas-Sigurtà Nazzjonali.

Nagħlaq billi ningħaqad mas-Segretarju u mal-Kunsill biex inrodd ħajr lill-Kummissarju tal-Pulizija, Dr. L. Pullicino, LL.D., li dejjem sibnieh kollaboratur kbir fil-problemi li l-Għaqda tkun qed tiffaċċja u lil kull min ta l-għajnuna tiegħu biex l-għaqda tkun tista' timxi l-quddiem u fl-aħħarnett lilkom membri preżenti li ipparteċipajtu f'din il-Konferenza Ġenerali.

N.B.: Fil-ħarġa li jmiss nippubblikaw ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 1983.

*(Ara paġna 15)*




Tfal,

F'paġni oħra ta' dan il-magażin tistgħu taraw u taqraw dwar xi attivitajiet li ġew organizzati għalikom it-tfal tal-Pulizija matul il-festi sbieħ tal-Milied. Matul dawn iż-żmenijiet, intkom ikollkom ħafna minn dawn l-attivitajiet u biex ngħidu s-sewwa ma tkunux qed tistennew il-party tal-Pulizija biex iferraħkom, għalkemm ħafna minnkom ikunu jistennewh b'ħerqa.

Għalhekk għandkom tkunu tafu li din is-sena hemm imħejji għalikom programm kbir ta' attivitajiet peress li din is-sena l-Korp ifakkar il-170 anniversarju mit-twaqqif tiegħu. Fost dawn l-attivitajiet hemm ukoll il-ħsieb ta' parteċipazzjoni fil-Karnival fejn uħud minnkom it-tfal jieħdu sehem libsin il-kostumi magħżula għalikom.

Għall-ewwel darba wkoll, hemm il-ħsieb li tiġi organizzata Sports Day fil-Marsa Sports Ground fejn tfal ta' ċerta età jiġu mitluba jieħdu sehem f'diversi attivitajiet sportivi. Ikun hemm naturalment premjijiet sbieħ għar-rebbieħa.

Qed isiru wkoll arranġamenti biex isir Quiż għalikom it-tfal fuq diversi suġġetti li intkom titgħallmu l-iskola. Dan isir f'diversi kategoriji skond l-età u jsir fuq bażi individwali jew ta' teams. Għar-rebbieħa jkun hemm ukoll premijiet mill-isbaħ.

Aktar attivitajiet jinkludu xi mawra sa Sqallija. Din l-attività tkellimna dwarha kemm-il darba, iżda dejjem sibna xi diffikultajiet. Madankollu, din is-sena xorta waħda se nerġgħu nippruvaw norganizzaw din il-ġita.

Inħeġġu lilkom it-tfal biex taqraw din il-paġna fejn se jibdew jingħataw dettalji dwar l-attivitajiet imsemmija.

## THE POLICEMEN

He deals in only on speciality ... **service**. He does not sell it... he gives it.

He freezes in winter ... roasts in summer. He does it uncomplainingly because it is part of his job.

He works around the clock providing protection for you while you sleep.

He is on duty constantly ... on his days off and while on vacation he is subject to call anytime ... anywhere.

He lays his life on the line each time he reports for duty.

He performs a thousand tasteless and thankless tasks in the line of duty.

He delivers babies ... he delivers death messages.

He faces a maniac ... killer or armed thug.

He enforces the law ... all laws ... yet, he does not punish ... for that is not his function. He might well give you a ticket today for a traffic law violation and save your life tomorrow.

He suffers when one of his members turns "black sheep" and brings shame to all others.

He would rather complete his day's work without seeing pain and misery but ... this is not always possible.

Besides fighting crime, he answers calls for such services as ... Disturbances ... First Aid ... Abandoned Bikes ... Vandalism ... Assist Destitute Families ... Robberies ... Larcenies ... Traffic Accidents ... lost children.

This is just part of his job. The list can go on and on. He will spend 25% of his time answering these types of calls.

*(Extract from the South Bend Police Department, Indiana Police Recruiting Brochure – submitted by Ray Dodd.)*




**MIMDUDIN:**

1. Serva
3. Insibuha fis-sieq u niekluha?
6. X'juri l-arloġġ
7. Issibha barra
8. Fergħa mportanti tal-Korp tal-Pulizija
10. Ħares
11. Nagħmlu l-ħwejjeġ bih

**WEQFIN:**

1. Ipejpuh
2. Pajjiżna
4. Mhux irqieq daqsu
5. Sparatura
7. Mhux twila
8. Fejn noqogħdu
9. Wieħed li jikkmanda

**League tal-Football għad-Distretti**

Kif għidt fil-ħarġa ta' qabel sejjer nagħtikom aktar rapporti dwar logħbiet li saru flimkien ma' xi ritratti. Ma' din il-ħarġa wkoll sejjer nagħtikom ir-riżultati kollha tal-logħbiet, klassifika, u lista tat-Top Scorers.

**District No. 1 & No. 2......... 3**
**District No. 4................ 0**

**Formazzjoni**

**District No. 4**

PC903 Duca, PC931 Vella, PC1287 Zammit, PC765 Attard, PS111 Micallef, PC415 Borg, PC376 Fabri, PC270 Bezzina, PC538 Spiteri, PS800 Calleja, PC426 Camilleri.

Reserves: PC645 Mercieca, PS373 Ciantar, PC819 Aquilina, PS1306 Scerri, PC1242 Caruana.

**District No. 1 & No. 2**

PC 835 Camenzuli, PC289 Galea, PC934 Micallef, PS589 Deguara, PC1318 Buttigieg, PC494 Dimech, PC740 Agius, PC166 Cheritto, PS1145 Mizzi, PC413 Xuereb, PC610 Grima.

Reserves: PC1213 Spiteri, PC1214 Demarco, PC154 Cassar, PC1137 Magro, PC1108 Cassar.

Referee: Joseph Tonna.

Wara t-telf ta' punt fl-ewwel logħba tagħhom kontra t-team tat-Traffic, it-team tad-District No. 1 & No. 2 ħarġu determinati li jakkwistaw l-ewwel rebħa tagħhom f'din it-tieni logħba għas-spejjeż tat-team tad-District No. 4, iżda kellhom jistennew sa 10 minuti mit-tmiem biex jifthu l-iskor u wara jkomplu jissiġillaw ir-rebħa b'żewġ goals oħra lejn it-tmiem meta t-team tad-District No. 4 deher xi ftit demoralizzat wara li sofra l-ewwel goal. It-team tad-District No. 1 & No. 2 għamlu progress kbir fuq il-wirja tagħhom kontra t-team tat-Traffic u jekk jibqgħu juru dan it-tip ta' logħob, għandhom biex iħabbtu lil kwalunkwe avversarju. Ma' l-ewwel suffara tar-referee t-team tad-District No. 1 & No. 2 mar fuq l-offensiva u proprju fir-4 minuta kellna xutt minn barra l-kaxxa ta' PC494 Dimech li PC903 Duca, b'titjira sabieħa, tajjar f'corner. Fis-7 u 9 minuti kellna żewġ xuttijiet ta' PS1145 Mizzi u PC413 Xuereb li PC903 Duca rnexxielu jimblokka. Wara ħafna attakki min-naħa tat-team tad-District No. 1 & No. 2, daħal bil-ballun fil-kaxxa u b'xutt djagonali għeleb lill-goalkeeper PC903 Duca però l-ballun ħabat mal-lasta u mir-rebound PC166 Cheritto tefa' għoli. Fl-aħħar minuta ta' l-ewwel taqsima, kellna azzjoni oħra tajba min-naħa tat-team tad-District No. 1 & No. 2 meta PC166 Cheritto seraq ballun fuq ix-xellug lill-goalkeeper PC903 Duca, daħal fil-kaxxa u qassam il-ballun għan-nofs lil PC494 Dimech, iżda d-difensuri leħqu mblokkawlu x-xutt finali tiegħu u l-goalkeeper, PC903 Duca, li leħaq sab postu, seta' jilqa' mingħajr diffikultà. F'din it-taqsima kellna żewġ sostituzzjonijiet għat-team tad-District No. 4 meta fil-11-il minuta PS373 Ciantar daħal flok PC426 Camilleri u fl-20 minuta PS1306 Scerri daħal flok PC931 Vella.

Għat-tieni perjodu t-team tad-District No. 1 & No. 2 ħareġ fuq l-attakk u kellu diversi ċansijiet ta' score fejn kellna wkoll tlett attentati fjakki min-naħa tat-team tad-District No. 4 permezz ta' PS800 Calleja u PC538 Spiteri li b'xuttijiet minn barra l-kaxxa ma ħolqu ebda problema għall-goalkeeper tad-District No. 1 & No. 2 PC835 Camensuli. Fil-21 minuta kien hemm xutt sabieħ ta' PC413 Xuereb li għeleb lill-goalkeeper PC903 Duca però l-ballun ġie salvat fuq il-linja fatali minn PC765 Attard. Fil-25 minuta wasal l-ewwel goal, meta ħarba sabieħa ta' PC610 Grima fuq ix-xellug li ta cross preċiż għan-nofs fejn daħal tajjeb PC413 Xuereb li b'xutt fil-kaxx ma ta l-ebda ċans lil PC903 Duca jsalva, bil-ballun jaħbat mal-lasta qabel jispiċċa fix-xibka. Hawnhekk ir-referee wera l-karta s-safra lil PC765 Attard. Erba' minuti wara, wasal it-tieni goal għat-team tad-District No. 1 & No. 2 meta fuq cross ta' PC413 Xuereb, PS1145 Mizzi għeleb lill-goalkeeper tad-district No. 4 b'xutt għar-rokna. L-aħħar goal għat-team tad-District No. 1 & No. 2 wasal żewġ minuti mit-




tmiem meta kellna ħarba sabieħa ta' PC289 Galea li kif daħal ġewwa l-kaxxa qassam għan-nofs fejn sab lil PS1145 Mizzi pront jitfa' fir-rokna tax-xibka b'xutt angolat.

**GHQ – Mobile/FCP ......... 6**
**District No. 5 & 6 ............ 0**

**Formazzjoni**

**GHQ/Mobile/FĊP**

PC721 Fabri, PS468 Gauci, PC68 Mallia, PS385 Bunce, PC512 Ellul, PC811 Busuttil, PC366 Psaila, PC129 Aquilina, PC120 Pace, PC559 Mulvaney, PC321 Gatt.

Reserves: PC665 Callus, PC612 Gauci, PC1237 Pisani, PC960 Scerri, PC326 Spiteri.

**District No. 5 & No. 6**

PC596 Bugeja, PC849 Mangion, PC1329 Falzon, PC1220 Agius, PC263 Azzopardi, PC567 Bajada, PS1389 D'Ugo, PC453 Camilleri, PC722 Grech, PS1116 Bartolo, PC331 Camilleri.

Reserves: PS652 Stivala, PC257 Gauci, PC404 Vella, PC189 Aquilina, PC491 Cassia.

Referee: PC450 Borda.

It-team tal-GHQ reġa' wera l-kwalitajiet tajba tiegħu meta għat-tielet logħba tiegħu kontra t-team tad-District No. 5 & 6 ta' wirja verament tajba u rnexxielu jirbaħ bi score kbir. Il-logħba kellha bidu bilanċjat, iżda malħin, it-team tal-GHQ bdew jiddominaw territorjalment, sakemm fil-15-il minuta marru minn fuq minn foul dirett barra l-kaxxa fejn PC68 Mallia fajjar xutt b'saħtu għar-rokna ta' fuq tal-lasta li ma ta l-ebda ċans lil PC652 Stivala, li daħal flok PC596 Bugeja jsalva. Fl-20 minuta PC567 Bajada ġie muri l-karta s-safra mir-referee u fit-28 minuta wasal it-tieni goal għat-team tal-GHQ meta PC321 Gatt seraq ballun lil PC849 Mangion u wara li avvanza tefa' l-ballun fir-rokna tax-xibka. Wara dan il-goal kellna bidla fit-team tal-GHQ fejn PC1237 Pisani daħal flok PS385 Bunce.

Ftit wara li daħal jilgħab,




PC1237 Pisani kien fl-azzjoni tat-tielet goal għat-team tal-GHQ meta tqassima bejn PC1237 Pisani u PC559 Mulvaney spiċċat b'dan ta' l-aħħar ifajjar xutt sabieħ lejn ir-rokna tax-xibka li ma ta l-ebda ċans lil PS652 isalva minkejja l-attentat tiegħu. Minuta mit-tmiem l-ewwel taqsima kellna goal ieħor għat-team tal-GHQ meta r-referee saffar għal penalty fuq foul fil-kaxxa ta' PC1329 Falzon li mbotta lil PC321 Gatt hekk kif kien se jixxuttja l-ballun. Inkariga ruħu minn dan il-penalty PC68 Mallia li b'xutt sabieħ u b'saħħtu tefa' fix-xibka.

Fit-tieni perjodu kellna żewġ sostituzzjonijiet minn kull naħa fejn PC960 Scerri daħal flok PS468 Gauci u PC326 Spiteri daħal flok PC721 Fabri għat-team tal-GHQ? PC257 Gauci daħal flok PC331 Camilleri u PC Aquilina daħal flok PC1329 Falzon għat-team tad-District No. 5 & 6. Għall-kumplament tal-logħba, it-team tal-GHQ kompla fejn ħalla fl-ewwel half u wara li kellna xi żewġ tentattivi fqar min-naħa tat-team tad-District No. 5 & 6 permezz ta' PC722 Grech u PC567 Bajada fil-25 minuta wasal il-ħames goal għat-team tal-GHQ minn PC120 Pace li daħal tajjeb fuq cross minn fuq il-lemin u għeleb lill-goalkeeper tad-District No. 5 & 6 b'xutt għar-rokna minn barra l-kaxxa. L-aħħar goal wasal minuta mit-tmiem meta l-istess PC120 pace għal darba oħra għeleb lil PS652 Stivala b'goal opportunist.

**Riżultati tal-logħbiet sal-5 ta' Jannar, 1984:**

a) District No. 1 & 2. . . . . . . . . 2
GHQ/Mobile/FCP . . . . . . . 1
Scorers: PC500 Mallia, PC413 Xuereb, PC120 Pace.

b) District No. 5 & 6. . . . . . . . . 4
Airport/Immigration . . . . . 1
Scorers: PS709 Zammit, PC567 Bajada (3), PS1116 Bartolo.

c) GHQ/Mobile/FCP . . . . . . . 2
Traffic/Dog Sec/MT . . . . . 0
Scorers: PC512 Ellul, PC120 Pace.

d) District No. 3/CCP . . . . . . . 0
District Mo. 5 & 6 . . . . . . . . 2
Scorers: PC567 Bajada, PC51 Tonna (O.G.).

e) CID 'C' Dept Yard . . . . . . . 2
Airport/Immigration . . . . . 0
Scorers: PC564 Borg, PC1401 Pisani.

f) District No. 1 & 2. . . . . . . . . 3
District No. 4 . . . . . . . . . . . . 0
Scorers: PC413 Xuereb, PS1145 Mizzi (2).

g) CID 'C' Dept Yard . . . . . . . 0
District No. 5 & 6. . . . . . . . . 0

h) District No. 4 . . . . . . . . . . . . 0
GHQ/Mobile/FCP . . . . . . . 2
Scorers: PC321 Gatt, PC120 Pace.

i) Traffic/Dog Sec/MT . . . . . 1
District No. 1 & 2. . . . . . . . . 1
Scorers: PC241 Borg, PC166 Cheritto.

k) Airport/Immigration . . . . . 0
District No. 3/CCP . . . . . . . 1
Scorers: PC585 Calleja.

l) District No. 1 & 2. . . . . . . . . 4
Airport/Immigration . . . . . 1
Scorers: PC500 Mallia, PC610 Grima, PS1145 Mizzi (2), PC809 Vella.

m) Traffic/Dog Sec/MT . . . . . 0
CID 'C' Dept Yard . . . . . . . 1
Scorer: PC673 Mallia.

n) District No. 4 . . . . . . . . . . . . 1
District No. 3/CCP . . . . . . . 0
Scorer: PC765 Attard

o) GHQ/Mobile/FCP . . . . . . . 6
District No. 5 & 6. . . . . . . . . 0
Scorers: PC68 Mallia (2), PC120 Pace (2), PC321 Gatt. PC559 Mulvaney.

p) CID 'C' Dept Yard . . . . . . . 1
District No. 4 . . . . . . . . . . . . 0
Scorer: PC673 Mallia.

q) District No. 3/CCP . . . . . . . 1
Traffic/Dog Sec/MT . . . . . 1
Scorers: PC203 Cilia, PC585 Calleja.

r) Airport/Immigration . . . . . 0
District No. 4 . . . . . . . . . . . . 2
Scorers: PS800 Calleja, PC765 Attard.

s) District No. 3/CCP . . . . . . . 0
District No. 1 & 2. . . . . . . . . 3
Scorers: PC610 Grima (2), PC500 Mallia.

t) District No. 5 & 6. . . . . . . . . 1
Traffic/Dog Sec/MT . . . . . 2
Scorers: PC305 Gauci, PC357 Sammut, PC567 Bajada.

u) CID 'C' Dept Yard . . . . . . . 0
GHQ/Mobile/FCP . . . . . . . 2
Scorers: PC811 Busuttil, PC665 Psaila.

v) CID 'C' Dept Yard . . . . . . . 2
District No. 3/CCP . . . . . . . 3
Scorers: PC1390 Connors, PC854 Bonnici, PC585 Calleja (2), PC683 Caruana.

w) District No. 1 & 2. . . . . . . . . 0
District No. 5 & 6. . . . . . . . . 1
Scorer: PS1116 Bartolo.

x) Airport/Immigration . . . . . 2
GHQ/Mobile/FCP . . . . . . 2
Scorers: PS709 Zammit, PC607 Camilleri, PC120 Pace (2).

**Continued on page 11**



**Kokka mix-xellug: PC 154 Cassar; 740 Agius; 166 Cheritto, ex-413 Xuereb; 610 Grima; 643 Zammit; PS 589 Deguara; PC 494 Dimech**

# Giorinox rubino

The Conventional and also waterless 25 piece range of cooking utensils.
Also available with non heating Bakelite handles.
Can be purchased as individual units or in sets.



Sole agents:
**CEF (Trading) Co. Ltd.,** Spencer Hill, Marsa (next to Mousu Travel) Tel. 26732, 33433

# MICHELANGELO
## sculptured Italian design

A range of wash basins, loos and bidets by Paolo Tilche of Milan. Choice of colours and white . . . Magnifico.




**Roger Satariano & Son Ltd.**

SHOWROOM
122, Valley Road,
B'KARA
TEL: 42769

WAREHOUSE
Our Lady of Sorrows Str.,
GUARDAMANGIA.
TEL: 26681

# Combined Industries Limited

## Ars Vitrea, 245, Fleur-de-Lys Road,
## B'kara — TeL: 40323

Manufacturers of:

**MIRRORS — NORMAL AND COLOURED**
**BEVELLING, POLISHING, ENGRAVING AND**
**SAND-BLASTING IN GLASS**

Glass Stockists of:

**Non-Reflecting, Polished Plate, Laminated, Tinted, Decorative, Cast Wired, Ultra-Reflective.**

# QAJA

## TRANSLATION SERVICES CENTRE

**(MOH'D A. QAJA)**

- ***Legal, technical and scientific translation***
- ***Typesetting***
- ***Specialized Printing***
- ***Newsletter Creation***
- ***Trade Journals***
- ***Personal Biographies***
- ***Resumes (both International & Localized)***
- ***Brochures***
- ***Booklets***
- ***Passport and Business from Translation***
- ***Creative Writing***

Our prices are competitive

We can write, edit, bind and print any book you wish created, including any subject matter. Our writers will go anywhere in the world to accommodate you. We specialise in educational, trade and biographical, trade and biographical publications.